

IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 37 - **DIĊEMBRU 2015**

# editorjal

Waqt telefonata lili fl-14 ta' Settembru li għadda Anton Grasso esprima d-dispjaċir tiegħu li IL-PONT ma baqax joħroġ kull xahar. Stqarr li hu wieħed minn dawk li jkunu jistennewh u jaqrah kollu. Grasso faħħar l-Editorjali fejn l-editur ma jdurx mal-lewża u għalih iswed iswed u abjad abjad. Grasso sostna wkoll li IL-PONT hu verament pont bejn l-awturi, pjattaforma li żżomm lil dak li jkun aġġornat dwar bosta aspetti f'rabta mal-letteratura lokali u barranija. Minn hawn ħajr lil Anton Grasso u nsellimlu. Ħajr ukoll lil dawk kollha li jibagħtu regolarment kummenti ta' apprezzament u anki kitbiet ta' natura varja li jiġu ppubblikati fuq din ir-rivista letterarja virtwali.

Fuq nota oħra nixtieq nikteb fil-qosor dwar il-Festival tal-Ktieb 2015. Okkażjoni bħal din qed tkompli xxerred l-imħabba lejn il-ktieb fost il-poplu Malti. Is-sena qed tkun mimlija b'inizzjattivi numerużi marbutin mal-letteratura u dan bis-saħħa ta' individwi, assoċjazzjonijiet, pubblikaturi u għaqdiet differenti. Qed jiġu ppubblikati bosta kotba bil-Malti jew dwar Malta u b'hekk il-lejliet ta' tnedija huma numerużi. L-Għaqdiet tal-Malti qed jagħmlu minn kollox biex itellgħu avvenimenti varji - fost dawn l-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda Poeti Maltin, l-Għaqda tal-Malti - Università, u inizzjattivi oħrajn bħal VersAgħtini u dawk imtellgħa minn Għaqdiet Filantropiċi bħall-Għaqda Filantropika Talent Mosti u minn għadd ta' Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex.

Dan kollu jindika li hemm enerġija kbira f'dan il-pajjiż tikka fiżikament imma kbir kulturalment. Dan kollu hu frott xogħol persuni ta' etajiet differenti, inklużi ż-żgħażagħ, li

# werrej

| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | 3 |
| *Reazzjonijiet* | 7 |
| *L-Intervista* | 8 |
| *Kitba ta' Carmel Attard* | 10 |
| *Il-festa tal-Immakulata waslet* | 12 |
| *Ir-rakkont tal-Milied* | 14 |
| *Ir-rakkont (2)* | 15 |
| *Żewġ rivisti Maltin* | 16 |
| *Doreen Micallef* | 17 |
| *Antonio Vanni—poeta Taljan* | 19 |
| *Kotba mill-qrib* | 20 |
| *Il-poeżiji* | 22 |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | 25 |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | 26 |

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

wħud minnhom qed jagħmlu isem fil-qasam letterarju, fost oħrajn. Waqt avvenimenti bħal dawn bosta riċerkaturi qed joħorġu għad-dawl tagħrif interessanti dwar aspetti differenti marbutin mal-ilsien Malti, il-letteratura u l-kultura Maltija. Oħrajn qed jagħtu l-opportunità lil min hu interessat jesprimi l-ħsibijiet tiegħu rigward oqsma partikolari. Waqt lejliet oħra jinqraw poeżiji b'ilsna differenti miktubin minn poeti magħrufa, imma fuq kollox għadd kbir ta' poeti - nisa u rġiel - li għadhom ma ħarġux għad-dawl u li ftit jafu bihom. Il-livell hu għoli tassew u dan imur kontra l-kurrent oppost li fil-preżent qed jipprova jgħolli mas-sema l-medjokrità minħabba l-kultura ta' "lil min taf u mhux x'taf".

Sabiħa kienet l-inizzjattiva fejn ingħataw flus lill-istudenti biex ikollhom biex jixtru għallinqas ktieb mill-Festival tal-Ktieb. Kienet ukoll idea tajba dik tal-Akkademja tal-Malti li qassmet pakketti ta' kotba: lili missni wieħed b'żewġ ġabriet ta' poeżija ta' Ġorġ Borg u Manwel Nicholas-Borg, ktieb dwar l-ilsien Malti u numru ta' ħarġiet tal-imgħoddi tar-rivista IL-MALTI, tnejn minnhom iddedikati lill-poeti Karmenu Vassallo u Anton Buttigieg.

Ta' min ifakkar li f'dan il-pajjiż - bħal f'imkejjen oħrajn lil jmorru lil hinn - jeżistu ċ-ċrieki tal-ħbieb u l-monopolji anki fil-qasam tal-letteratura in partikolari u tal-kultura in ġenerali. Basta wieħed jifli b'attenzjoni l-għajnuna finanzjarja - eluf kbar ta' ewro - li tingħata sena wara l-oħra lil entitajiet partikolari, l-ismijiet rikorrenti li sena wara l-oħra jirbħu premjijiet nazzjonali, il-bibien miftuħin għal għadd ta' ismijiet magħżula biss min-naħa ta' ċerti djar tal-pubblikazzjoni. Dan żgur ma jgħinx fit-titjib tal-qasam kulturali lokali!

Mill-ktieb *La Frantumaglia (*Edizioni e/o, 2003) tal-kittieba Elena Ferrante: "Le storie si scrivono sognandole a occhi aperti. Quando diventano film, di fatto le hai già 'viste'." Tikteb ukoll, "I libri sono di chi li ha scritti solo quando il loro ciclo è compiuto e nessuno li legge più." Kliem minnu tassew. Ferrante tistaqsi jekk ktieb għandux isir famuż biss wara li tkun dehret il-verżjoni ċinematografiku tiegħu? Tistaqsi wkoll għaliex ktieb għandu jinbiegħ minħabba l-isem ta' min kitbu u mhux minħabba l-valur letterarju intrinsiku tiegħu? Hawn Ferrante, li ħafna jaħsbu li hu biss psewdonimu ladarba l-awtriċi qatt ma dehret fil-pubbliku, tmiss argument jaħraq tassew u tfakkar li spiss il-ġuriji kkonċernati jippremjaw rumanz jew ġabra ta' poeżiji mhux skond kriterji letterarji imma skond kriterji li jintrabtu iktar ma' isem dak li jkun. Bosta jispiċċaw lanqas jaqraw ix-xogħol in kwestjoni u jwarrbu oħrajn li b'xorti ħażina jġorru ismijiet mhux magħrufa.

Il-Milied huwa magħna. Dan hu perijodu li fih nagħtu u naqilgħu bosta rigali. Ma ninsewx li hemm ukoll il-ktieb, mhux biss iċ-ċikkulatini, il-fwiħat, il-*make-up* u l-ħwejjeġ. Ktieb bħala rigal juri lil dak li jkun li tixtieqlu t-tajjeb, tirrispettah tassew. U llum hawn kotba ta' kull ġeneru u dwar ħwejjeġ differenti. Ma ninsewx li bħala kotba mhemmx biss dawk li jiġu riklamati regolarment fuq il-gazzetti jew fi spazji oħra, imma hemm ħafna iktar li qatt ma jiġu rriklamati. Dan ma jfissirx li huma ħżiena. Ifisser biss li tajjeb li tqalleb sew fl-ixkafef tal-ħanut tal-kotba qabel ma taqbad ktieb kwalunkwe.

Minn hawn nawgura lill-qarrejja ta' IL-PONT u lil dawk ta' madwarhom il-Milied it-Tajjeb u anki Sena 2016 mimlija sliem, saħħa, qari, u ħwejjeġ tajbin.

**NAGĦTU KTIEB BĦALA RIGAL GĦALL-MILIED.**

**Patrick Sammut (Fundatur u Editur)**
**sammutpatrickj@gmail.com**

EDITORJAL

# l-aħbarijiet

**MALTI JIRBAĦ KONKORS TA' POEŻIJA INTERNAZZJONALI FI SQALLIJA**

Il-kittieb, poeta u rumanzier Malti Dr. Carmel Mallia fis-sajf li għadda rebaħ l-ewwel premju tat-tieni edizzjoni tal-Konkors ta' Poeżija Internazzjonali bl-isem ta' "Poesia da tutti i cieli". Carmel Mallia kiteb il-poeżija tiegħu bl-Esperanto u taha l-isem ta' *Balado pri poeta*. Dan huwa konkors li jaqa' taħt il-patroċinju tal-Comune ta' Sant'Angelo di Brolo ta' Messina, fi Sqallija, u anki tal-Federazzjoni Esperantista Taljana. Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni seħħet fit-18 ta' Ottubru 2015 fit-Teatru Komunali ta' Sant'Angelo di Brolo "Città Esperantista". Matulha kien preżenti wkoll Dr. Carmel Mallia. Il-poeżiji rebbieħa u dawk imsemmijin b'ġieħ ingħabru f'antoloġija speċjali fejn wieħed jista' jaqrahom kemm bit-Taljan kif ukoll bl-Esperanto.

**IMFAKKAR IL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU**

Nhar it-2 ta' Settembru 2015 VersAgħtini organizza l-Festival 'O Żmien Ħelu...' biex ġie mfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Litterizmu 2015 UNESCO. Dan seħħ fil-Ġnien Privat tal-Palazz tal-President f'San Anton, f'Ħ'Attard. Mistieden speċjali kien l-Ambaxxatur u d-Delegat Permanenti għall-UNESCO Mons. Dr Joe Vella Gauci. Il-Festival kien taħt il-Patroċinju tal-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, li faħħret l-inizzjattiva. Waqt l-okkażjoni ħadu sehem il-kantawtrici Corazon, il-koppja Joe u Rose Baldacchino li nkludew id-djaletti Żwieten, waqt li Joe u Martina Demicoli ppreżentaw skeċċ umoristiku bid-djaletti Għaxqi u Żurrieqi. Kien hemm numru ta' siltiet letterarji moqrija, fosthom ta' Mikiel Anton Vassalli, Manwel Dimech, Herbert Ganado, Mons. Antonio Cilia; inqraw ukoll siltiet mill-bijografija ta' Pawlu Boffa mill-ktieb ta' Desmond Zammit Marmara, u mill-bijografija ta' Dun Gorg Preca mill-ktieb ta' Frans Sammut. Il-qarrejja kienu Peter Cordina, Maria Micallef, Peter Borg Ghigo, Matilde Balzan, u Narcy Calamatta. Is-somma miġbura għall-MCCF kienet ta' €277. Il-parteċipazzjoni min-naħa tal-pubbliku kienet waħda numeruża.

**IMFAKKAR L-450 ANNIVERSARJU TAL-ASSEDJU L-KBIR**

Nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru 2015, il-Gran Prijur ta' Malta tal-Ordni Sovran Ħospitalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, flimkien mal-Kavallieri ta' Malta, biex jikkommemoraw l-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir, organizzaw *recital* ta' mużika sagra bil-parteċipazzjoni tas-"St. Paul's Chamber Ensemble" taħt id-direzzjoni tas-Surmast Chev. Mark Agius, flimkien ma' soprani, mezzo soprani, tenuri u baxxi. Fil-programm ġiet inkluża wkoll parti kbira mill-poeżija epika li l-poeta Charles Mifsud minn Birkirkara kiteb dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565. Minħabba t-tul tal-poeżija Mifsud qara biss l-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-ħames taqsima. Matul il-programm ġew esegwiti innijiet ta' natura liturġika. L-avveniment sar fil-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta.



**Il-poeta Charles Mifsud jaqra parti mill-poeżija epika tiegħu dwar l-Assedju l-Kbir.**

**IL-JUM EWROPEW TAL-LINGWI F'MALTA**

Nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta ċċelebrat il-Jum Ewropew tal-Lingwi fi Pjazza Sant Anna, Tas-Sliema. Għat-tielet sena konsekuttiva, l-Għaqda tal-Malti – Università ħadet ħsieb l-organizzazzjoni ta' din iċ-ċelebrazzjoni. F'din il-lejla, numru ta' ambaxxati, skejjel u għaqdiet ippromovew lingwi differenti, u ttellgħu bosta attivitajiet b'rabta mat-tema tal-lingwi li seta' jattendi għalihom il-pubbliku. Fost l-attivitajiet kien hemm qari ta' kitbiet ta' Immanuel Mifsud li ġew tradotti għal diversi lingwi fosthom l-Ingliż, l-Ungeriż, il-Ġermaniż u l-Franċiż. Luke u Jessica

akkumpanjaw l-okkażjoni b'mużika li rriflettiet it-tema tal-lingwi. Ħajr lill-Fondazzjoni Valletta 2018 u lill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

**SERATI TA’ POEŻIJA MTELLGĦA MILL-GĦAQDA POETI MALTIN**

Nhar il-25 ta’ Settembru l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla Internazzjonali ta’ Poeżija oħra in kontemporanja ma’ numru ta’ pajjiżi oħrajn f’rabta mal-inizzjattiva “100,000 Poets for Change”. Bħal kull sena dan l-avveniment sar fis-Sala Ewlenija tal-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara. Matul il-lejla nqraw għadd ta’ poeżiji b’ilsna differenti minn poeti membri tal-Għ.P.M., kif ukoll mill-pubbliku preżenti. It-tema kienet dik tal-Paċi u s-Solidarjetà. Din l-attività ġiet irrekordjata u mtellgħa fuq l-internet: http://bambuser.com/v/5813269.

L-istess Għaqda tellgħet Lejla ta’ Poeżija u Mużika oħra fil-Mellieħa fid-9 ta’ Ottubru 2015. Is-sit magħżul kienet id-dar tal-Għaqda Korali u Orkestrali ‘Maria Bambina’. Ipparteċipaw il-Grupp Simar li pprovda l-mużika, u numru ta’ poeti li qraw versi varji.



Uħud minn dawk li attendew għal-Lejla “100,000 Poets for Change” 2015

**IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2015**

Din is-sena l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb seħħ mill-4 sat-8 ta' Novembru fiċ-Ċentru tal-Konferenzi, Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta. F'dawn il-ħamest ijiem, il-pubbliku ġenerali seta’ jżur il-bini maestuż ta' Dar il-Mediterran fejn kien hemm il-pubblikaturi kollha Maltin flimkien ma' pubblikaturi barranin li esebixxew u biegħu l-aħħar xogħlijiet tagħhom. Bħas-soltu kien hemm ukoll id-distributuri u l-ħwienet tal-kotba lokali, imma magħhom kien hemm ukoll ħanut tal-kotba minn Pariġi bl-għajnuna tal-Ambaxxata Franċiża u anke l-Assoċjazzjoni tal-Pubblikaturi Sqallin bl-għajnuna tal-Istitut Kulturali Taljan.

Għal sena oħra l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb kien avveniment b'ħafna attivitajiet kulturali u edukattivi għal kull persuna: miż-żgħar sal-kbar. Awturi u pubblikaturi Maltin ippreżentaw l-aħħar kotba tagħhom f'sensiela ta' attivitajiet bħala parti mill-programm kulturali u edukattiv tal-Festival. Il-programm inkluda attivitajiet li ċċelebraw ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, fosthom lil Godfrey Wettinger li s-sena l-oħra ġie rikonoxxut bil-premju “Kisba tul il-Ħajja”. Il-mistednin distinti ta' din is-sena kienu Marie Darrieussecq, kittieba Franċiża; Maram al-Masri, kittieba Sirjana li tgħix Pariġi; il-poeta Rumen Dan Sociu u l-pubblikatur tiegħu Bogdan Stanescu; u l-pubblikatur Ingliż tal-antoloġija Maltija *This Fair Land*, Clive Boutle. Dawn il-mistednin ħadu sehem f'attivitajiet għall-pubbliku.

Fil-ħinijiet ta' filgħodu, l-iskejjel kemm pubbliċi u privati kienu mistednin jattendu l-Festival għall-Premju Terramaxka: il-Premju ta' Kotba għat-Tfal u l-Adolexxenti. It-tfal kollha tal-iskejjel ingħataw biljetti ta' €3 li setgħu jużaw fil-ħin li jattendu mal-iskola tagħhom mingħand kull esebitur tal-Festival. Din l-inizjattiva saret biex jiġi assigurat li l-istudenti kollha li jattendu mal-iskola jmorru lura d-dar bi ktieb f'idejhom.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. L-isponsor uffiċjali tal-Festival huwa l-APS Bank.

**LEJLA TA’ MUŻIKA U POEŻIJA F’BIRKIRKARA**

Il-lejla letterarja, il-*wine tasting* u l-kompetizzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li kellhom isiru nhar is-Sibt 31 ta’ Ottubru f’Birkirkara, u li tħassru minħabba l-maltemp, saru fil-Sala tal-Kunsill Lokali tal-istess lokal, nhar il-Ġimgħa 13 ta’ Novembru. Din kienet it-tielet sena li dawn l-attivitajiet saru f’Birkirkara,

# l-aħbarijiet

bl-inizjattiva ta' Terry Muscat u l-Kunsill Lokali. Numru ta' kittieba stabbiliti taw sehemhom, fosthom Philip Borg, Wayne Farrugia, Fr Angelo Mamo, Charles Mifsud, Therese Pace, Ġorġ Peresso, Charles Spiteri u Tarċisju Zarb. Ma naqasx ukoll is-sehem ta' mużiċisti u kantanti, fosthom Joseph Gauci fuq il-kitarra klassika, Doriana Vella bil-vjolin u Elena Muscat bil-vjola u vjolin. Roberta Mallia u l-baritonu Joseph Lia sebbħu l-lejla bil-vuċi tagħhom. Maria Mintoff ippreżentat is-serata, waqt li Mario Fenech ħa ħsieb il-qasam tekniku. Okkażjoni bħal kienet bla ħlas u miftuħa għal kulħadd.

**ARTI U LETTERATURA FIL-KAVALIER TA' SAN ĠAKBU**



**Uħud minn dawk preżenti għall-avveniment Antoine Camilleri**

Nhar l-14 ta' Novembru, fit-3 p.m., fil-Kavalier ta' San Ġakbu, arti u letteratura ltaqgħu flimkien waqt avveniment ieħor li fakkar l-għaxar anniversarju mill-mewt tal-artist Malti Antoine Cassar. Waqt din l-okkażjoni Manuel Cauchi u Ninette Micallef qraw poeżiji, novelli u siltiet letterarji oħrajn, mill-pinna ta' kittieba ħbieb tal-artist. Fost dawn inqraw kitbiet ta' Oliver Friggieri, Ġużè Chetcuti, Mario Azzopardi, Joe Friggieri, Albert Marshall, Victor Fenech, Lino Spiteri, Frans Sammut, Anton Buttigieg, u oħrajn. Il-qari kien akkumpanjat minn preżentazzjoni *powerpoint* fejn wieħed seta' jara numru ta' pitturi tal-artist Malti u anki ritratti marbutin mal-ħajja tiegħu. Għal dan l-avveniment attendew familjari u ħbieb tal-artist, imma anki persuni li għandhom għal qalbhom kemm l-arti kif ukoll il-poeżija.

**ŻEWĠ TAĦDITIET B'RABTA MAL-450 ANNIVERSARJU TAL-ASSEDJU L-KBIR**

Dawn iż-żewġ taħditiet ġew organizzati mill-Akkademja tal-Malti bi sħab ma' Heritage Malta, nhar l-20 ta' Novembru, fis-Sala tal-Arazzi tal-Palazz tal-President, il-Belt. L-ewwel taħdita kellha l-isem ta' "Dħalna t-teatru: Rosato jimmarċja l-Maltin u l-Kavallieri għal fuq it-Torok", u saret minn Dr Marco Galea, tal-i*School of Performing Arts*, l-Università ta' Malta. L-ewwel dramm bil-Malti li nafu li ttella' u li għandna t-test tiegħu huwa *Katarina* ta' Luigi Rosato (1839), xogħol li jirrakkonta fid-dettall episodji mill-Assedju l-Kbir u jipprovdi ritratt tajjeb tad-direzzjoni li kien qed jieħu n-nazzjonaliżmu f'Malta fl-ewwel snin tal-ħakma kolonjali Ingliża. L-għażliet li jagħmel Rosato jsiru partikolarment interessanti meta nifhmuhom fil-kuntest tal-istorja tal-kultura tagħna, jiġifieri fil-bidu tar-Romantiċiżmu u fl-istadju bikri tal-ħidma biex il-Malti jsir strument leġittimu tal-kultura. F'dan id-dawl, id-dramm ta' Rosato dwar l-Assedju jikseb importanza sproporzjonata mal-valur estetiku tax-xogħol.

It-tieni taħdita kellha l-isem ta' "'Tebaq fwiedna le niswew.' L-Assedju l-Ġdid skont Juann Mamo", u saret minn Dr Adrian Grima, mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti, l-Università ta' Malta. It-taħdita ħarset lejn il-fehmiet espressi minn Juann Mamo fuq medda ta' snin dwar l-Assedju l-Kbir u l-effetti tiegħu fuq dak li kien qed iseħħ fi żmienu. Il-kwotazzjoni fit-titlu tat-taħdita tiegħu, "Tebaq fwiedna le niswew," hija meħuda minn artiklu li Mamo kiteb fil-gazzetta "Progress" (8 ta' Settembru, 1922, 4), bl-isem ta' "Facra u Sejha lill Misserijietna li fl-Imuiet." Kif tispjega Jessica Micallef fl-appendiċi tat-teżi tagħha tal-*Masters* dwar il-kitbiet ta' Mamo fil-gazzetti, l-espressjoni "ma niswewx tebaq fwiedna" tfisser li m'aħna tajbin għal xejn.

**GĦAQDA POETI MALTIN - KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA 2015**

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2015, ġiet fi tmiemha l-40 Edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija, imniedi mill-Għaqda Poeti Maltin. Għal dan il-Konkors ta' din is-sena pparteċipaw 68 poeżija: 42 bil-Malti, 17 bl-Ingliż u 9 bit-Taljan. Il-Ġurija li eżaminat u kklassifikat il-poeżiji kienet magħmula minn Dr. Emanuel Attard Cassar (bħala *Chairman*), is-Sur Charles Bezzina u s-Sur Stephen Lughermo. Fil-kategorija bl-Ingliż *Night Time* ta' Antoinette Borg rebħet l-ewwel premju, u *Of Calculi and Rare Stones* ta' Dr Michelle Muscat rebħet it-tieni premju. Fil-kategorija tal-poeżiji bit-Taljan l-ewwel premju rebħitu *Riflessi* ta' Christine Borg Farrugia, u t-tieni premju ħaditu l-poeżija *Adagio* ta' Rita Debono. Fil-kategorija tal-Malti t-tielet premju rebħitu *Monalisa* ta' Jonathan Balzan, it-tieni premju rebħitu *Linji Sofor* ta' Josef Borg, u l-Premju 'Mons. A. Buontempo' mar għand Therese Pace għall-poeżija tagħha *Eloġju għall-Eloġju*. Proset lill-organizzaturi, lill-ġurija u anki lir-rebbieħa ta' dan il-konkors, u awguri lil dawk kollha li ħadu sehem fih għas-sena 2015.



**Fir-ritratt jidhru r-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 2015 flimkien ma' membri tal-kumitat tal-Għ.P.M.**

**IR-REBBIEĦA TAL-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA 2015**

Il-Premju Nobel għal-Letteratura 2015 ingħata lill-kittieba u ġurnalista mill-Bjelorussja Svetlana Aleksievic. Alexievich twieldet fil-31 ta' Mejju 1948 fil-belt Ukraina ta' Ivano-Frankovsk. L-ewwel ktieb tagħha hu *U vojny ne ženskoe lico* (*War's Unwomanly Face*), ibbażat fuq mijiet ta' intervisti ma' nisa li ħadu sehem fit-Tieni Gwerra Dinjija. Minkejja li x-xogħlijiet ta' Aleksievich huma tradotti fil-Ġermaniż, fil-Franċiż u fl-Iżvediż, verżjonijiet bl-Ingliż huma skarsi ħafna. Bħalissa Bela Shayevich qed taqleb xi xogħlijiet ta' Aleksievic għall-Ingliż.

**IMUT IL-KITTIEB JOSEPH C. SCIBRRAS**

Nhar l-24 ta' Novembru 2015 tħabbret il-mewt tal-kittieb u għalliem Joseph C. Sciberras. Huwa twieled il-Ħamrun fl-20 ta' Mejju 1934. Studja l-Liceo u f'St Michael's Training College. Għallem fil-livell primarju u aktar tard il-Malti u t-Taljan fil-livell sekondarju. Għalaq il-karriera tiegħu bħala assistent kap ta' skola. Kiteb *scripts* għal programmi edukattivi mmirati għat-tfal tal-Iskejjel Primarji, kif ukoll xogħlijiet ta' proża u ta' poeżija. Xogħlijiet tiegħu dehru f'għadd ta' antoloġiji u xxandru fi programmi letterarji fuq ir-Rediffusion. Ippubblika erba' kotba ta' poeżiji għat-tfal: *Tbissim u Hena* (1968), *Ilma Safi* (1971), *Weraq Tari* (1979) u *Friefet u Fjuri* (1981), u l-ġrajja *Il-Mara Liebsa l-Ikħal* (1977). Rebaħ premjijiet f'diversi konkorsi lettararji fosthom Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb b'*Ġabra ta' Leġġendi* (2008). Joseph C. Sciberras għamel snin twal bħala President tal-Għaqda Letterarja Maltija. Agħtih Mulej is-sliem ta' dejjem.



**Il-kittieb u poeta minn Joseph C. Sciberras**

# reazzjonijiet

**E-mail mingħand Emmanuel Attard-Cassar, il-15 ta' Awwissu 2015**

Għażiż Patrick,

Kif inti? Ili biex ngħidlek prosit fuq IL-PONT. Hija rivista bis-sens, titkellem dwar temi attwali, tagħti aħbarijiet mid-dinja kollha u naturalment għandha spazju għal xogħlijiet letterarji. Barra mill-kwalitajiet tiegħek bħala kittieb nammirak għall-ħeġġa tiegħek, nammirak għall-fatt li kelma tgħidha kif tħossha u ma tibżax tikkritika fejn tħoss li dan għandu jsir. Nammirak ukoll għall-fatt li l-ispazju li toffri fir-rivista toffrih lil kulħadd għalkemm għandi nifhem li kull xogħol irid jilħaq livell minimu ta' kwalità.

Niftakrek snin ilu tapprezza kull ktieb u taqra dak kollu aċċessibli għalik mingħajr preġudizzji. Hekk jidhirli li bqajt u hekk għandek tibqa' [...]

Insellimlek.

Manuel



**E-mail mingħand Paul P. Borg, it-2 ta' Settembru 2015**

Għażiż Patrick,

Nittama li tajjeb! Kemm l-editorjal tiegħek kif ukoll kitbiet f'IL-PONT ta' Settembru li wasalli dalgħodu, nebbħuni niktiblek dan li ġej. Qiegħed ukoll ngħaddilek silta proża "Ittra miftuħa ta' Suwiċida". Din is-silta hi kitba tal-poeta Carmel Attard u meħuda mill-ktieb *maqful fil-ħabs ta' ġbini* li ppubblikajt f'Novembru 2014. Il-ktieb jixhed pass pass il-mixja tiegħi mal-poeta minn età bikrija fiż-żgħorija tagħna sa meta qattajna sigħat sħaħ fil-kumpanija ta' xulxin bħala adulti. Il-ktieb fih ġabra kbira ta' poeżiji u kitbiet oħrajn li l-poeta qatt ma rnexxielu jippubblika minħabba ċirkustanzi li jirriflettu aktar minn kollox stigma soċjali kontra kundizzjonijiet mentali u ħelsien fl-għażliet intimi li jagħmel il-bniedem. Jiena nibqa' nsostni li l-letteratura Maltija għadha ma tatx il-post mistħoqq lil Attard, waqt li b'mod paradossali u stramb għall-aħħar qed tinċensa poeżija u kitbiet ta' inqas impenn. Hemm tentattiv mill-aktar qawwi li donnu jsostni li x-xemx telgħet dalgħodu fuq il-letteratura żagħżugħa tagħna u li hu mill-aktar meħtieġ il-binja tal-kastell tagħna milli ħarsa oġġettiva u serja lejn il-mixja storika tal-letteratura tagħna.

Ma ġara xejn b'daqshekk: il-kobor tal-poeta jibqa' hemm - anki jekk f'ħajtu Attard sab ma' wiċċu bibien magħluqin u swali kbar jidwu bil-ħażen soċjali li jsawwat. Jibqa' poeta kbir li qiegħed jistenna l-letteratura Maltija tiskoprih sewwa għaliex kien bniedem li l-poeżija għexha u l-kundizzjonijiet mentali tiegħu li llum huma aċċettati imma li lilu sawtuh u weġġgħuh, kienu l-istess karatteristiċi li ironikamenmt jagħmluh il-poeta kbir li hu. Mhux biss, imma anki l-għażliet intimi tiegħu ma ħallewlux il-ħelsien li kellu dritt għalih bħalma llum kull ċittadin jippretendi u jakkwista bħala dritt uman.

Intant nitolbok issib ftit spazju tippubblika din is-silta li aktar minn kollox turi djalogu eżistenzjali ta' Carmel Attard miegħu innifsu, u l-konklużjonijiet li jkollu jieħu sewwa sew minħabba soċjetà li ma fehmitx.

Ħabibek

Paul P. Borg

# l-intervista

## Nazzarenu Zerafa



*Nazzarenu Zerafa twieled iż-Żurrieq fis-6 t'April 1950. Fi tfulitu u f'żgħożitu ġie influenzat u mħeġġeġ biex jikteb minn Francis Ebejer, Profs. P.P. Saydon, Pawlu Aquilina u Kelinu Cachia. Emigra mal-familja lejn l-Awstralja fl-1980 u jgħix fi Brisbane fejn jaħdem bħala xjentist mediku.*

*Beda jikteb fl-Awstralja meta, 'il bogħod minn art twelidu, l-imħabba għall-Malti ġegħlitu jħoss in-nuqqas, l-importanza u l-ħtieġa tal-kelma Maltija u għaraf japprezza wisq aktar il-ġmiel, is-seher, u l-ġawhra unika, prezzjuża u rikka li hu l-Ilsien Malti, wirt kulturali li fl-Awstralja (jekk mhux ukoll f'Malta) qed inin u jnemnem bil-mod il-mod.*

*Huwa membru tal-Għaqda Poeti Maltin, tal-Għaqda tal-Malti (Università), u tal-Maltese Literature Group - Grupp Letteratura Maltija ta' Melbourne, Victoria.*

**Meta u fejn twelidt?**

Twelidt iż-Żurrieq fis- 6 t'April 1950.

**Kemm ilek l-Awstralja u x'inhi jew x'kienet l-attività ewlenija tiegħek?**

Tlaqt minn Malta f'Novembru tal-1980 jiġifieri l-Awstralja se nagħlaq 35 sena u dejjem għext hawn fi Brisbane. Naħdem bħala *medical scientist* fil-*Haematolgy*, f'laboratorju ta' kumpanija privata tal-Patoloġija, 'Sullivan Nicolaides Pathology' u nispeċjalizza fil-morfoloġija taċ-ċelloli. Nieħu ħsieb is-sezzjoni tal-'Bone Marrows' li minnhom neżaminaw aktar minn tlett elef fis-sena. Ix-xogħol inħobbu ferm għax interessanti u jtini ċertu sodisfazzjon. L-entużjażmu jmantnili l-interess, iżommli moħħi attiv u jkattarli t-tagħlim. Nemmen li wieħed m'għandu qatt jieqaf jitgħallem. Inħobb it-taħbil il-moħħ u aktar ma nitgħallem aktar nispokri kemm ma naf xejn. Il-mikroskopju hu l-ikbar ħabib tiegħi.

**Kif jidħlu l-letteratura u l-poeżija f'ħajtek?**

Il-poeżija daħlet f'qalbi minn meta kont għadni ċkejken. Ta' età bikrija ħafna, Ommi, Alla jaħfrilha, kienet għallmitni naqra u napprezza l-poeżija ta' Ġorġ Pisani, u dak ir-ritmu u l-melodija ta' dak l-ewwel vers poetiku li qatt tgħallimt, 'Teptep, teptep kewkba ċkejkna', baqgħu dejjem f'qabi u f'moħħi. Imbagħad fi tfuliti kompla jrawwemni z-ziju Kelinu, li kien għalliem, meta fl-għaxijiet sħan tas-sajf, konna nitilgħu nieklu fuq il-bejt għal dik iż-żiffa ħelwa li kienu jġibu magħhom l-għarajjex ta' Santa Marija, u kien jaqrali u jfehemni poeżiji bħal *On first looking into Chapman's* Homer ta' John Keats u Sohrab *and Rustum* ta' Matthew Arnold. Sintendi, imbagħad f'żgħożiti, il-klassiċi studjajthom għall-eżamijiet imma moħħi kien aktar mitfugħ fuq suġġetti xjentifiċi u fuq il-mużika.

Il-kitba minn dejjem kont inħobbha imma meta ġejt l-Awstralja u ridt naħseb u nitkellem b'lingwa oħra, il-Malti sirt inħobbu u napprezzah wisq aktar minn qabel. Ħassejt u għaddejt minn iżolament kbir soċjali u letterarju iżda peress li nħobb ħafna s-solitudni u fiha nsib refuġju kbir, tħabbibt mal-kotba u nżilt infittex fil-fond ta' qalbi u fil-qiegħ ta' ruħi x'kien li jagħmilni, dak li jien.

**L-Awstralja u Malta... punti favur u kontra. Kif jispirawk biex tikteb dawn?**

Sintendi, Malta tibqa' dejjem art twelidek li f'qalbek ma tibdilha ma' xejn u aktar ma jgħaddi ż-żmien u iktar ma tikber, bħas-salamun u l-frieken tal-baħar, iktar wieħed iħoss il-ġibda u tiftix l-għeruq ta' fejn ixxettel. Però l-familja issa hawn qiegħda u bla ma trid issir parti mill-Awstralja wkoll. L-Awstralja hi kontinent vast u multikulturali, għalhekk wieħed isib ruħu espost għal kulturi differenti, ilsna, drawwiet u reliġjonijiet differenti kif ukoll mentalitajiet differenti u minn kulħadd titgħallem xi ħaġa. B'hekk twessa' l-viżjoni u tiftaħ il-perspettiva ta' kif tħares lejn il-ħajja u lejn id-dinja u dak kollu li jeżisti u jgħammar fiha.

Dwar kif jispirawni: jiena nemmen li l-lehma tematika titnissel, tisponta u tissawar minn diaspora ta' ħsus, ideat u ħsibijiet. Ngħid għalija, jimmotivani u jġegħilni nikteb il-ferħ u n-niket, is-sabiħ u l-ikrah tal-ħajja, it-tfittxija għas-sewwa, għall-verità u għall-paċi. Iġegħilni nikteb dak kollu li hu sabiħ u li hu pożittiv, dak kollu li bih isir il-ġid, dak kollu li minnu toħroġ il-verità, dak kollu li jressaqna lejn xulxin, dak kollu li jmexxina 'l quddiem, dak kollu li jagħmel sens u dak li hu skond ir-raġuni. Però jġegħilni nikteb ukoll dak kollu li jmur kontra r-raġuni, dak kollu li jmur kontra l-verità, dak kollu li jweġġa' u dak kollu li jġib il-ġlied, dak kollu li joffendi u li jġib il-firda u l-mibegħda. Iġegħilni nikteb dak kollu li jġiegħil lil demmi jbaqbaq għax imur kontra s-sewwa u l-verità. Iġegħilni nikteb dak kollu li hu Malti u dak kollu li jagħmilna vera Maltin għax Malti hu d-demm li jserrep f'għeruq ġismi.

**Illum kif tgħaddi l-ġurnata tiegħek?**

Bħal ma għedtlek iktar 'il fuq, għadni naħdem, għax hawn l-Awstralja l-età tal-irtirar hija ta' 65. Barra l-kitba nħobb ħafna d-daqq tal-kitarra speċjalment tal-Flamenco iżda nħobb ukoll il-prejjem però l-ftit ħin liberu li jkolli daż-żmien ngħaddieh ma' marti nieħdu ħsieb it-tifla tat-tifel, Sienna, li għad għandha tliet snin u nofs u li ġġibilna ħafna ferħ fil-familja. L-innozenza tat-tfal għadha l-isbaħ warda fit-trobbija tagħhom.

**X'tiftakar mill-jiem tal-iskola tiegħek? Poeti u kittieba li jolqtuk l-iktar?**

Mill-jiem tal-iskola niftakar lil Francis Ebejer li kien is-Surmast tiegħi fl-iskola primarja taż-Żurrieq. Darba nzertajna pazjenti flimkien fl-isptar tal-'Blue Sisters' u kont immur inkellmu fil-kamra tiegħu. Kien dejjem jikteb fis-sodda u minn kmieni kien ħajjarni għall-kitba. Imbagħad mill-Liċeo niftakar lil Pawlu Aquilina u Ġużè Chetcuti li kienu l-għalliema tiegħi tal-Malti. L-imħabba għall-ilsien Malti sawwarha fija l-Prof. P.P. Saydon li dak iż-żmien kont immur għandu għall-privat tal-Latin. Niftakar ukoll lil Kelinu Cachia li kellu mħabba speċjali għall-poeżija u li dak iż-żmien kien jippreżenta l-programm letterarju 'Mill-Ġnejna Maltija' minn fuq ir- Rediffusion.

Fost il-poeti u kittieba li influenzawni, insemmi lil Dun Karm, Karmenu Vassallo, Ġorġ Pisani, Anton Buttigieg, Oliver Friggieri, Achille Mizzzi u fl-Awstralja, lil Manwel Cassar, Manwel Nicholas-Borg, Joe Saliba u Ġorġ Chetcuti. Bl-Ingliż, fost il-poeżiji li għandi għal qalbi nsemmi, *If* ta' Rudyard Kipling, *The Raven* ta' Edgar Allan Poe, *Kubla Khan* ta' Samuel Taylor Coleridge u *The Man From Snowy River* ta' Banjo Paterson. Inħobb naqra ukoll xogħlijiet ta' Henry Lawson. (Peress li anke nħobb ħafna l-psikoloġija u l-filosofija, kittieb u ħassieb ieħor li jolqotni ħafna u li qrajt ħafna kotba tiegħu hu Edward Debono).

Forsi ninstema xi ftit jew wisq antikwat. Naf li l-poeżija, bħal kull forma oħra ta' arti, baqgħet dejjem tiżviluppa f'dawn l-aħħar tletin/erbgħin sena b'forom u stili differenti u kompliet anke tistagħna fl-iżvilupp tal-metafora kumplessa, imma ngħid għalija, fl-opinjoni fqira tiegħi, ħafna drabi nħossha nieqsa mill-melodija u l-armonija u tirrifletti x-xeħtiet moderni tal-mużika kontemporanja. Forsi sejjer żball!

**Għandek xi proġetti partikolari għall-ġejjieni?**

Jiena bniedem li ma nippjanax fit-tul. Kull fil-għodu nqum, inħares 'il barra mit-tieqa, nara x'temp hu u nieħu kull ġurnata kif tiġi. Però jekk il-Bambin jislifni l-għomor, u jibqagħli l-ħila, l-entużjażmu u l-interess, nixtieq li xi darba niskava il-minjiera rikka ta' xogħlijiet letterarji Maltin ta' diversi poeti, li hawn mirduma l-Awstralja taħt it-torob taż-żmien u noħroġhom għad-dawl tal-istudjużi u l-istudenti tal-Malti f'Malta.

# kitba ta' Carmel Attard



**ITTRA MIFTUĦA TA' SUWIĊIDA (17/1/1973)**

Qed nikteb l-aħħar messaġġ tiegħi. Bħalissa t-tlieta u nofs ta' filgħodu u wasalt biex nagħmel dak il-pass li kont nhewden fuqu mindu kont tifel. Wasalt biex inwaqqaf ħesrem traġedja li jien kont il-protagonist ewlieni tagħha.

Meta ħafna jaqraw li neħħejt ħajti b'idejja ħafna ser jitkexkxu ħafna aktar meta jaqraw din l-ittra li jiena issa ser nibgħat lill-ġurnali kollha.

Miniex qed nikteb din l-ittra biex niġbed is-simpatija. Is-simpatija drajt mingħajrha u din l-art offrietli kollox barra simpatija. Din l-art m'għandhiex simpatija għal min għandu ideali nobbli u jipprova jikkomunikahom. Iżda għandha bosta għal ħafna li għax jagħtuha ftit pjaċir fid-divertiment iċċapċpilhom u ssemmihom ma' kullimkien.

Jiena iżda simpatija ma sibt qatt ħlief minn xi ftit li fehmuni u xi kultant ukoll. Is-simpatija hija ħaġa għolja u min jagħtihielek illum mhux bilfors jibqa' jżoqqok biha kuljum. Anzi ngħidilkom li nħossni nistħi minni nnifsi meta jiena stess nuri mogħdrija miegħi innifsi. Din kienet ħaġa li ġġegħelni nsofri wisq għax fiha kont nilmaħ aħjar il-ġejjieni tiegħi u nitkexkex minnu. Wara kollox Kristu stess tkexkex mill-mewt mhux l-aktar għax kien jaf li kellha tkun kiefra ħafna iżda għax fiha ra att ta' ingratitudni lejn min ġie biex ixandrilhom messaġġ ta' ferħ fis-sikta tas-solitudni u tal-abbandun.

Bħal Kristu jiena qed inħoss l-abbandun li donnu lanqas Alla ma jista' jtaffi.

Tassew imxejt ħafna drabi f'ħajti waħdi mingħajr ħbieb… mingħajr ma kien hemm ħadd ħdejja li seta' jifhimni, u anki meta kien hemm xi ħadd li seta' jagħmel hekk, jiena kont għadni żgħir wisq biex infehmu minn xiex kont għaddej. Ftit wisq kienu dawk li fehmuni u forsi għalhekk intfajt b'ruħi u ġismi għall-kitba għax ridt li l-bnedmin jifhmuni, ridthom jagħtu kasi; ridthom jieqfu ftit mid-delirju u jisimgħuni għax kont nemmen li għandi ħwejjeġ interessanti x'ngħidilhom. Ħwejjeġ li jiena sibthom; konklużjonijiet li wasalt għalihom wara bosta snin ta' qari u riflessjoni…

'Ħażin għalih bniedem waħdu,' tgħid l-Iskrittura, u għalhekk ħażin għalija, iżda ma nħossx li għandi għalfejn ngħix aktar. Dawk is-snin li kelli ngħix għexthom; dak li kelli ngħid għedtu; dak li kelli nikteb ktibtu għalkemm ma nafx jekk ħajja itwal forsi kinitx tfisser aktar kitba fejjieda. Dan biss hu n-niket tiegħi issa li forsi dan is-suwiċidju huwa wara kollox att ta' egoiżmu għax il-missjoni tiegħi mhux veru li ntemmet.

Iżda isimgħuni, ser noqtol lili nnifsi b'kuxjenza safja bħal dik ta' tifel ċkejken. M'għandi ebda rimors għal dal-pass traġiku. Miniex miġnun, naf x'ser nagħmel, naf li d-doża qawwija ta' pilloli tal-irqad li ser nieħu ser tagħtini mewt ħiemda kif dejjem xtaqt. Ħajti kienet traġika wisq biex tispiċċa wkoll bi traġedja. Għażilt mewt kwieta, kalma, pjuttost raqda profonda li meta nistenbaħ minnha nkun inħallejt mill-irbit ta' din il-ħajja biex nidħol f'oħra li ma nistax ngħid sewwa x'ser insib fiha.

Forsi nsib barka u forsi nsib saħta l-aktar għax dejjem għallmuni li ma nistax nagħmel dan li ser

nagħmel. Iżda jien noqtol lili nnifsi għax nemmen li ħajti tahieli Alla u issa hi tiegħi u nista' bil-libertà kollha niddisponi minnha.

Għaliex intom ma ħallejtunix ngħix fis-sliem issa ser tikkundannawni? Mhux biżżejjed indħaltu fil-ħajja privata tiegħi? Ridtuni nħobb mhux lil min ridt jien iżda lil min tridu intom. Għext bosta snin minn ħajti mingħajr imħabba u meta mbagħad sibtha intom ma flaħtux tarawni ferħan u kkundannajtuni bi lsienkom quddiem kulħadd. X'dinja hi din li fiha wieħed lanqas jista' jħobb bniedem ieħor bil-libertà! Tajtuni fama ħażina għax għajjartu stramba u anormali l-imħabba tiegħi. Iżda meta l-imħabba tiegħi kienet normali sibt min waqqafha ħesrem mingħajr ma tajtuni żmien niftaħ ħalqi. Dan hu ġenn li hu tassew ġenn meta bniedem iċċaħħdu minn imħabbtu.

Taħsbux li minħabba f'hekk sa mmut iddisprat. Mhux veru li min ineħħi ħajtu jmut iddisprat bilfors. Ikun ħafna drabi għex iddisprat iżda jmut fil-paċi għax ikun jaf li fl-aħħar bil-kuraġġ kollu jieħu dan il-pass li jista' jiftaħlu t-triq għas-sliem dejjiem.

Sa mmut kuntent. Se mmut nitbissem għall-ħoss maestuż tal-aħħar sinfonija li kiteb Tschaikowski qabel miet jew aħjar qabel qatel lilu nnifsu. Għax lilu wkoll ikkundannawh għax imħabbtu kienet stramba u mhux tan-nies komuni. Sa nħalli iżda warajja l-kitba tiegħi bit-tama li nservi ta' ġid lil min jaqraha. Il-ktieb tiegħi u l-manuskritti tiegħi huma t-testment tiegħi. Miniex se nħallilkom flus li naħseb ħafna minnkom tant għandkom li jikkonfondukom. Se nħalli biss il-leħen ġwejjed tiegħi li tistgħu tibqgħu ċerti mhuwiex ta' wieħed iddisprat iżda ta' poeta umli quddiem il-mewt għaraf ikun ottimist għax jemmen li f'did-dinja hawn dwejjaq biżżejjed u m'hemmx ħtieġa (żżid) dan id-dwejjaq b'duttrina ta' pessimiżmu. Għalkemm hawn ħafna li jaħsbu li mewti hija pass ta' telfien quddiem l-eżistenza tiegħi, iżda ngħidilkom li biex tmur minn jeddek għall-mewt bil-kalma u bil-kuraġġ, huwa altru mhux sens ta' telfien quddiem il-ħajja. Tassew ħajti forsi ma kienet qatt jew ftit drabi mogħnija bil-ferħ. Huwa sewwa sew dan il-ferħ ta' ftit żmien li għaddejt minnu li jġegħelni nirbaħ lili nnifsi u mmidd għonqi taħt il-mannara ħelwa tal-mewt li forsi tagħtini dak li dejjem xtaqt u ħdimt għalih.

**ODE TO THE SEA**

Here
surrounding the island
there's sea.
But what sea?
It's always overflowing.
Says yes,
then no,
then no again,
and no,
says yes
in blue
in sea spray
raging,
says no
and no again.
It can't be still.
It stammers
my name is sea.

It slaps the rocks
and when they aren't convinced,
strokes them
and soaks them
and smothers them with kisses.
With seven green tongues
of seven green dogs
or seven green tigers
or seven green seas,
beating its chest,
stammering its name,

Oh Sea,
this is your name.
oh comrade ocean,
don't waste time
or water
getting so upset
help us instead.
We are meager fishermen,
men from the shore
who are hungry and cold
and you're our foe.
Don't beat so hard,
don't shout so loud,
open your green coffers,
place gifts of silver in our hands.
Give us this day
our daily fish.

**PABLO NERUDA**

# Il-festa tal-immakulata waslet



Matul l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, qegħdin niċċelebraw il-festa f'ġieħ Marija Immakulata. In-nies tal-Belt Victoria minn dejjem rat kif għamlet biex ta' kull sena tfakkar kif inhu xieraq dan il-privileġġ singulari ta' Marija. U n-nies ta' fejn San Franġisk flimkien mal-bqija tal-poplu tagħna b'idejhom miftuħa jilqgħu din il-festa u ħerqana jsellmu lil din is-Sultana mnissla mingħajr l-ebda ħtija. Fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani nsibu ġmel ta' statwa xogħol l-istatwarju Salvu Psaila li fit-8 ta' Diċembru wara nofs inhar toħroġ iddur fuq l-ispallejn mat-toroq tal-Belt Victoria.

Il-festa, isimha magħha, hija żmien ta' ferħ u divertiment. Għax tgħid, il-bniedem mhuwiex magna u kulħadd għandu d-dritt għall-mistrieħ u xi ftit tal-isvog. Iblah fuq li iblah minn jagħmel bħal 'Scrooge' u jifga l-ferħ u jbarri l-allegrija. Jalla nitgħallmu nifirħu u nferrħu. Biżżejjed jinqala' nkwiet u għawġ ieħor matulek ja sena li jweġġa' r-ras u jtaqqal il-qalb, inkwiet li ħafna drabi mhux biss jifnina imma agħar u agħar, xi drabi jifridna wkoll. F'dan iż-żmien tal-festa, immela, ejjew inwarrbu l-gdiedem u flimkien ningħaqdu qaqoċċa waħda, u għala le, nixorbu bis-saħħa ta' xulxin.

Sabiħa l-festa esterna li nagħmlu lill-Kunċizzjoni. Festi bħal dawn il-poplu għadu jridhom. U dan hu sinjal tajjeb. Imma ma rridux nittraskuraw il-festi ta' ġewwa. Ħa nżejnu d-dar u nixegħlu l-gallerija, ħa nżanżnu xi libsa, inħejju xi ikla speċjali, naħarqu n-nar, inċapċpu u nkantaw mal-marċ. Imma mbagħad irridu nżommu l-miżien f'postu. Bħala Nsara ma nistgħux nedhew u naljenaw ruħna b'dan biss. Il-festa għandha l-karattru reliġjuż tagħha u jekk aħna niġu naqgħu u nqumu minn dan l-aspett, il-festa, forsi bla ma nintebħu, inkunu qegħdin niddegradawha. Minn reklam ta' fidi, inkunu qegħdin nibdluha f'okkażjoni folkloristika, flok qima u devozzjoni, ikollna biss xalar u tbaħrid jew forsi ferħ pagan. Fil-festa, l-ewwel u qabel kollox, irridu nfittxu li nkabbru l-ġid ta' ruħna. Irridu noqogħdu attenti li okkażjoni bħal din ma nneżżgħuhiex mill-atmosfera reliġjuża tagħha. Jekk inżommu dan il-ħsieb f'moħħna, irridu nħabirku biex kif jgħidilna d-dokument tas-Sinodu Djoċesan dwar il-festi, 'il-festa nisranija għandha sens biss jekk tkun kif suppost tkun, mument qawwi tal-ispirtu li jrid jgħix mill-ġdid ir-rikkezzi kbar tal-fidi'. Jekk il-festi ma jwasslux għal-laqgħa privileġġjata ma' Alla... jiġu żvojtati mill-veru skop tagħhom. (C.13)

Għandna noqogħdu attenti li l-festa tal-Kunċizzjoni tkompli tressaqna iktar lejn Kristu s-Salvatur tagħna, u dan, permezz ta' Marija Immakulata. Permezz ta' dil-kitba, irrid inħeġġiġkom biex tkomplu timlew il-knisja, għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru.

Nieħdu ħsieb li f'dawn il-jiem ningħaqdu iżjed flimkien u jekk tinsab imxellef ma' xi ħadd, ħu ħsieb biex bħala rigal lil Marija, toffrilu l-id tal-ħbiberija u tinsa l-imgħoddi. Jekk forsi taf b'xi ħadd inqas ixxurtjat minnek jew jinsab għaddej minn xi baħar imqalleb, ipprova, mingħajr daqq ta' trombi, għinu mill-aħjar li tista'.

B'hekk biss, inkunu nistgħu nqiegħdu quddiem l-istatwa artistika tal-Immakulata mhux ward li jidbiel, imma bukkett spiritwali mżewwaq bi qrara sinċiera u tqarbina devota. Imbagħad mat-tokki tan-noti ferrieħa tal-qniepen, ikun fih iktar sens u joħroġ

iktar mill-qalb it-tifħir tagħna lil Marija:

Sliem għalik O Verġni Mbierka
Int twelidt ħielsa mill-ħtija,
safja, ħelwa u rżina
bogħod mid-dnub u kollok dija.

Inti l-isbaħ fost il-kwiekeb
illi jżejnu lis-Smewwiet;
Inti l-aqwa fost il-fjuri
tal-widien u fuq l-għoljiet.

Ġewwa s-Sema int Reġina
ta' did-dinja inti l-Omm –
kun għalina t-tmun ewlieni
u bejnietna l-għaqda żomm!

**jma**

Tislima wkoll mill-qalb lill-Qalin kollha, li fis-Santwarju qadim tagħha 'l ġewwa mir-raħal jagħmlulha festa mill-isbaħ bis-sehem tal-Banda tar-raħal 'Ite ad Joseph' u f'Jum il-festa filgħodu nsibu wkoll lill-Isqof Djoċesan li jmexxi l-Pontifikal Sollenni u jinseġ kelmtejn ta' tifħir lil Marija Mnissla bla ebda ħtija sa mit-twelid tagħha. Filgħaxija purċissjoni li għaliha mhux biss jattendu l-parruċċani ta' dan ir-raħal Ġużeppin imma wkoll Għawdxin minn kull rokna tal-gżira. U ma nistax nagħlaq din il-kitba bla ma nsellem ukoll lill-Bormliżi li għalihom l-Immakulata hija l-aqwa omm u protetettriċi li sabuha dejjem warajhom sa minn żmien il-Gwerra. Bormla xxidd l-ilbies tal-festa għalkemm jiem Diċembru huma ħafna drabi kesħin u mxarrbin, imma l-imħabba ta' dal-poplu tisboq kull xkiel u l-festa f'Bormla timla bil-ferħ lill-poplu kollu ta' din ix-xaqliba ta' Malta.

**Kav Joe M Attard**
**(Victoria Għawdex)**

**IN MEMORIA DEL MAHATMA GANDHI NELL'ANNIVERSARIO DELLA SUA NASCITA**

Sii grandezza,
diventa cambiamento,
sii pace,
diventa compassione,
sii progresso,
diventa verità.

Sii scudo
davanti alla violenza organizzata
dei governi.

Diventa nebbia
e circonda i perseguitati
che fuggono dai carnefici.

Sii anima
e infonditi ovunque,
davanti alla macchina
senz'anima
che distrugge la speranza.

Diventa speranza
e abbraccia
chi è ormai disperato.

Sii grandezza,
diventa cambiamento,
sii pace,
diventa compassione,
sii progresso,
diventa verità.

**ROBERTO MALINI**
**(Genova, 2 ottobre 2015)**



**Mahatma Gandhi, 2 ta' Ottubru 1869 – 30 ta' Jannar 1948**

# ir-rakkont tal-milied

Mario Attard



**ITTRA MIFTUĦA GĦAL JUM IL-MILIED**

Għażiża Ruth,

Il-bieraħ mort id-dar. Lil ommi smajtha ġejja tkaxkar biex tiftaħ is-sokra  minn mal-boxxla. Kienu għadhom kemm kielu: platt minestra. Missieri baqa' bilqiegħda mal-mejda. It-tnejn xegħel wiċċhom għall-fatt li mort narahom. Il-ferħ tagħhom urewh b'mod naturali imma ma setgħux jaħbu d-diqa li aħna wliedhom, iridu jagħmlu wegħda biex immorru narawhom.

Intfajt fejn missieri u qgħadt nitkellem ftit miegħu. Ftit wara ngħaqdet magħna ommi, wara li kienet ħaslet iż-żewġ platti u l-imgħaref. Id-diskors ma damx ma waqa' fuq tfulitna. Dakinhar ilkoll kemm aħna konna iżgħar. Huwa suġġett naturali li jisraq il-ħsieb f'dan iż-żmien tas-sena – żmien li jafna lkoll taħt saqaf wieħed, mimlijin ħeġġa u misruqin mit-tiżjin, mill-għana tal-Milied u fuq kollox mill-presepju. Kull Milied, sena wara sena, minn ċkunitna sal-lum, dan il-presepju dejjem baqa' jintrema fl-istess post.

Inti Ruth kont hemm ukoll. Bħas-soltu ddur u tifli kull oġġett imdendel mas-Siġra tal-Milied... u għajjatli u staqsejtni fejn mar il-*Christmas Father* bl-ixkora vojta. Imbagħad ġie missieri bil-*Christmas Father* f'id waħda u bil-ġugarelli rqaq ta' ġol-ixkora fl-id l-oħra.

"Sewwejtulkom." Qalli. "Xi ħadd minnkom waqqgħu u nfetaħ."

Jiena mbagħad mort fejn il-presepju. Għajnejja mxew ma' kull pastur tat-tfal. Imxejt mar-ragħaj irieġi tużżana nagħaġ lejn il-għar ta' Betlem. Kif wasalna waslu wkoll tlitt islaten sinjuruni. U dħalna ġewwa l-għar. Anki Ruth issieħbet magħna. U qgħadna niflu x'kien qed jagħmel kull pastur ieħor.

Wara ftit ħin wasal ħija mill-mużew ferħan se jtir idurna wieħed wieħed, waħda waħda bil-grotta kbira mhux ħażin. Imbagħad qiegħda fuq il-posambrella f'nofs l-intrata. Trid tara lil James kull tant ħin jittawlilha lil dik il-grotta li ma jmurx xi ħadd imisshielu. L-atmosfera ferreħija aktar issaħħet meta missieri fetaħ ir-Rediffusion u nstemgħet in-Ninni La Tibkix Iżjed.

Waqt li aħna lkoll konna mitlufin wara l-presepju, is-Siġra tal-Milied u l-grotta tal-Milied, missieri kien qiegħed jirranġa s-sett tad-dawl li għandu mdawwar miegħu l-Bambin ta' Spanja. Imma ommna f'dak il-ħin kellha wiċċha mdaħħla ġol-friġġ ħa ssib post għad-dundjan ħalli jilħaq jinħall għall-għada.

"Sa fl-aħħar! Qagħad fil-friġġ." Qalet ommi lil missieri "Sa għada jilħaq joqgħod u nkunu nistgħu nimluh".

Ruth, kemm kienet issajru tajjeb id-dundjan ommi. Ma konniex inħallu farka fil-platt. Illum, minflok mhux farka qegħdin inħallu taħrabilna, imma lil ommna u lil missierna. Insejnihom lil dawk il-ġranet sbieħ li daż-żmien konna nkunu rridu li ma jgħaddu qatt. Imma fuq kollox insejna lil dawk it-tnejn min-nies li Alla għoġbu jirregalalna biex illum sibna postna fis-soċjetà.

Ruth, se ngħid lil James biex lejliet il-Milied it-tlieta li aħna nsajru ikel xieraq u l-Milied inqattgħuh flimkien bil-famiji tagħna ma' dik il-kopja li lilhom nafu l-preżent tagħna.

Ħuk,
Nathan.

**(mill-Manuskritt "Stejjer tal-Bieraħ")**

# ir-rakkont (2)

Amanda Busuttil

**REĠINA**

Ir-raħal kollu kien qed jitkellem fuqhom. Iva fuqhom, il-familja Zammit Scriha. Il-missier kien professur tat-tqala u b'hekk tistgħu timmaġinaw x'esperjenza kellu fejn jidħlu trabi jew komplikazzjonijiet mhux tas-soltu.

Kienet l-ewwel tarbija tagħhom. Kienu jgħixu f'villa li kienet ilha tintiret mill-antenati tiegħu fir-raħal ta' Ħal Bebbux. Din it-tarbija kienet ser tkun qisha prinċipessa bil-ġid kollu li kellha jistennieha.

Martu kellha tqala normali, kif ikollha kull mara oħra. Kienet tkun għajjiena, kien ikollha l-istonku mqalleb ta' spiss, kienet qed tiekol affarijiet li hi s-soltu ma kenitx tħobbhom, kienet qed torqod qisha lluppjata għal sigħat itwal, sintomi li tistenniehom kull mara u kemm hu waqt li jistaqsihom is-soltu domandi waqt il-visti l-isptar.

Semmewha Reġina. Meta twieldet kellha wiċċha b'par wardiet ħomor ħomor, ġilda delikata li kif tmissha tiħmar u tbissima ħelwa fuq xufftejn żgħar żgħar qishom tal-pupi.

Missierha qisu rebaħ l-aqwa lotterija. Tant kien ferħan biha li martu qabditu anke jiżfen waħdu fil-kċina, mingħajr ma ħallietu jaraha. S'issa, dak li għidtilkom kien kollu minn idejn ħajja normali.

Issa iftħu widnejkom u għajnejkom. Jekk ma tridux tistgħu tieqfu hawn u temmu l-istorja hawnhekk. Min iħobb stejjer li jispiċċaw sabiħ, mela l-istorja għalih aħjar tispiċċa hawnhekk.

Għal min irid ikompliha... Reġina kienet tixrob ħafna ħalib. Imma ħafna. Daqs kemm jixrob raġel wara erbgħin ġurnata fid-deżert. Reġina kienet tixrob kull għoxrin minuta. Titfewwaq, torqod ftit u mal-arloġġ preċiż, tiftaħ għajnejha u tfittex iż-żennuna tal-flixkun.

Ommha u missierha bdew iħokku ftit rashom, dan il-ħalib kollu ngħid jien... u s-sabiħa hija li kif bdew jiżnuha, it-toqol qatt ma jiżdied. Dejjem tibqa' tal-istess daqs.

Għaddiet sena u baqgħet b'daqs tat-twelid. Sentejn. L-istess toqol li twieldet bih. Tliet snin. Baqa' kollox l-istess. Missierha beda jagħmel iljieli sħaħ fl-istudju, bil-kompjuter jagħti lejl u nhar u b'par għajnejn baxxi mimlijin ħjut ħomor.

Ta' tliet snin u nofs inbidel xi ħaġa. Le mhux dak li qed taħsbu ġara. Reġina baqgħet tarbija żgħira. Dejjem għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart kienet iġġib idejha miftuħin beraħ qisha Mosè ħa jiftaħ il-baħar, tgedwed frażi u titriegħed. Missierha ħaseb għall-ewwel li dan hu sinjal ta' epilepsija li qatt ma kien għadu ġie studjat qabel.

Reġina kienet tibda togħla 'l fuq 'il fuq sakemm tibda tifflowtja mal-kamra, eżatt bħal Peter Pan. Ma jafux ommha u missierha jekk kenitx qed tkun qed tfittex id-dell, imma dejjem dehret qed tfittex xi ħaġa. Din ix-xi ħaġa ħadd ma kien jafha u ħadd ma sar jafha llum. In-nies baqgħu jgħidu li forsi kienet anġlu u ġiet fid-dinja għal ftit...

Missierha baqa' jagħmel sigħat sħaħ jistudja u jistudja. Darba fl-istess ħin Reġina taret u donnha sabet dak li dejjem kienet tfittex. U qatt ma reġgħet dehret aktar. Forsi sabet il-kastell fejn suppost kellha tgħammar? Ħadd ma jaf. Jekk tħabbat f'dik il-villa llum, issib anzjan fuq siġġu tar-roti ġo kamra bil-kotba jmissu sas-saqaf, jaqra u ma jieqaf qatt.



# żewġ rivisti Maltin

*Ir-rivisti bil-Malti llum jintrabtu l-aktar mal-qasam ekklesjastiku ladarba bosta minnhom huma pubblikazzjonijiet ta' ordnijiet reliġjużi varji. L-interessanti huwa li dawn huma rivisti li ma jittrattawx biss l-aspett tat-twemmin, imma jinkludu kontenut varjat ħafna u l-Malti mħaddem huwa ta' livell tajjeb.*

Imbagħad fadal ftit rivisti oħrajn marbutin mal-qasam letterarju u lingwistiku. Fost dawn ir-rivista tal-Akkademja tal-Malti, "Il-Malti", u dik tal-Għaqda tal-Malti—Università, "Leħen il-Malti". Hawn se nsemmi żewġ rivisti oħrajn.



Għaqda Poeti Maltin
ħarġa 2015/2

VERSI

## Erbgħin Sena

L-Għaqda Poeti Maltin din is-sena qegħda tiċċelebra l-40 Anniversarju mit-Twaqqif tagħha. Dawn kienu erbgħin sena ta' ħidma kontinwa, ma taqta' xejn, b'risq il-poeżija. Matul dawn l-erbgħin sena, Kumitat wara ieħor, bis-sehem tal-membri kollha, ħadem bis-sħiħ biex wassal il-poeżija fost il-poplu, f'kull rokna ta' Malta, u ta lill-poeżija Maltija, bil-Malti u anki b'lingwi oħrajn, l-importanza u l-pożizzjoni li jixirqilha fix-xenarju letterarju Malti.

It-Twaqqif tal-Għaqda seħħ fl-10 ta' Diċembru 1975. L-Għaqda twaqqfet b'inizjattiva tas-Sur Alfred Massa, poeta u rumanzier, li dak iż-żmien kien Editur Letterarju ta' "Il-Ħajja", gazzetta tal-Knisja Maltija.

Is-Sur Massa għamel sejħa fil-paġna letterarja li kien imexxi biex f'Malta jkun hawn Għaqda Letterarja esklussivament għall-Poeżija, u r-rispons kien qawwi ħafna. Fl-ewwel Laqgħa Ġenerali sala ppakkjata b'kittieba tal-poeżija ħatret l-ewwel Kumitat. Is-Sur Massa ġie elett bħala Viċi President, filwaqt li bħala l-ewwel President inħatar Mons. Amante Buontempo, JUD. Dan dam iservi sas-sena 2000, meta postu ħadu s-Sur Massa bħala t-tieni President tal-Għaqda Poeti Maltin. Ftit wara l-Għaqda ħatret lil Mons. A. Buontempo bħala l-ewwel President Onorarju.

Matul dawn l-40 sena l-attività tal-Għaqda kienet bla waqfien. Minn sena għal oħra l-membri baqgħu jiżdiedu fl-għadd, u llum jgħoddu aktar minn 100 membru, irġiel u nisa, ta' kull età minn 16-il sena 'l fuq. Dawn kollha jiktbu u għandhom għal qalbhom il-Poeżija.

***Attivitajiet***

Mal-membri l-Għaqda żżomm kuntatt kontinwu, kemm permezz ta' Folju ta' Aħbarijiet li jintbagħtilhom id-dar darba kull tliet xhur, kif ukoll permezz ta' Serata ta' Poeżija u Mużika darba fix-xahar.

Barra minn dan, l-Għaqda taħdem mal-Għaqdiet Letterarji l-oħrajn, ma' Istituzzjonijiet oħrajn anki jekk mhux letterarji, u mal-Kunsilli Lokali, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, biex tissodisfa wieħed mill-għanijiet statutorjali: li twassal il-Poeżija f'kull rokna ta' Malta.

L-Għaqda Poeti Maltin ilha mill-1986 tippubblika rivista letterarja, VERSI, darbtejn fis-sena. Din ir-rivista bdiet tiġi ppubblikata b'inizjattiva ta' Dr Carmel Mallia, bniedem magħruf sewwa fix-xenarju letterarju Malti, li dak iż-żmien kien membru tal-Kumitat tal-Għaqda. Ir-rivista hi ddedikata kollha kemm hi għall-Poeżija, u tkun mimlija aħbarijiet dwar poeti u poeżija li jseħħu f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Tagħti wkoll spazju lill-membri tal-Għaqda biex jippubblikaw fiha l-poeżiji tagħhom u/jew artikli dwar il-poeżija.

Iktar attivitajiet jinkludu żewġ Konkorsi tal-Poeżija annwali: wieħed għall-kbar, li hu miftuħ għal kulħadd (u mhux għall-membri biss); u l-ieħor għat-tfal ta' bejn id-9 u l-11-il sena. Il-parteċipazzjoni f'dawn il-Konkorsi dejjem kienet sodisfaċenti ħafna, u Ġurija wara oħra kkummentat li l-livell tal-poeżiji parteċipanti jkun għoli mhux ħażin.

***Pubblikazzjonijiet***

Matul is-snin l-Għaqda Poeti Maltin ippubblikat diversi antoloġiji: *"A Poetic Galaxy"* (1983); "Diwi fl-Ispazju" (1985); "Tifkiriet Kalabriżi / *Ricordi Calabresi*" (1986); "Il-Papa fi Ħsieb il-Poeti Maltin" (1990); "Imsiebaħ Mediterranji / *Lucerne Mediterranee*" (1995); "Riflessi Fiddiena" (2000); u "Arkadja" (2004). Uħud minn dawn l-antoloġiji l-Għaqda Poeti Maltin ippubblikathom

tkompli f'paġna 2 VERSI - 1

"Versi" ilha toħroġ mill-Għaqda Poeti Maltin tliet darbiet fis-sena sa mill-1986. Dan l-aħħar qed toħroġ darbtejn fis-sena imma l-għadd tal-paġni żdied minn 16 għal 24 paġna. L-għadd 2015/2 ta' "Versi" qed ifakkar l-40 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Poeti Maltin. F'din ir-rivista wieħed jista' jaqra għadd ta' poeżiji bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u anki bil-Franċiż, miktubin kemm minn Maltin, u membri tal-istess Għaqda, kif ukoll minn poeti barranin magħrufa. Paġni oħrajn huma ddedikati lill-aħbarijiet mid-dinja tal-poeżija, studji kritiċi marbutin mal-kotba *Bejn Ħaltejn* u *Il-Poeżija Maltija*, studjati mill-istudenti tas-SEC u tal-MATSEC rispettivament, apprezzament kritiku-letterarju tal-poeżija *Dal-Lejl Ġie Kelb Jingħi* ta' Pawlu Aquilina, intervista twila mal-poeta Taljan kontemporanju Roberto Malini, tagħrif dwar serati letterarji mtellgħa mill-Għ.P.M., u dwar ir-rebbieħa tal-Konkors tal-Poeżija għat-Tfal 2015. Inklużi wkoll huma reċensjonijiet dwar kotba marbutin mal-poeżija, tagħrif dwar il-poeżija u l-Messaġġ tal-President, Charles Magro, għal Jum il-Poeżija 2015.



l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 13 ◊ Awwissu 2015

L-EDITORJAL

Minn din it-13-il ħarġa, l-aktar li ġibditli l-attenzjoni kienet tabella ċkejkna f'tarf l-artiklu regolari dwar tradutturi magħrufa Maltin. Ivan Said, f'artiklu dwar it-traduttur Malti Giuseppe Cannolo, iqabbel erba' siltiet mill-Bibbja u kif ġabuhom għall-Malti t-traduzzjonijiet ewlenin. Kelma tmur fin-nofs, jew ċaqliqa ċkejkna, is-sens jibqa' imma l-istil jinbidel, u kull silta tgħid l-istorja tagħha.

Xogħolna bħala tradutturi hekk ukoll. Minkejja l-obbligu frekwenti tal-konsistenza, il-preċiżjoni u l-validità legali, u maġġoranza ta' testi li trid toqgħod b'seba' għajnejn biex it-traduzzjoni tagħhom tixraq lill-utent jew lill-udjenza aħħarin tagħhom (il-famuża *fit-for-purpose*), xorta jkun hemm bosta waqtiet fejn wieħed jista' jittanta jħaddem il-ġenju uniku tiegħu, l-istil li jara l-aktar xieraq, anki l-ħsejjes u l-mużika ta' sentenza, u b'hekk l-ilsien jerġa' jieħu l-ħajja, u anki l-aktar frażi apparentament xotta tisbieħ.

Bħal dejjem, dan l-aspett b'xi mod jew ieħor qed jiġi ttrattat anki f'din il-ħarġa. L-ilsien ikompli jieħu l-ħajja bit-tkomplija tal-investigazzjoni ta' Antoine Cassar tat-tismija ġeografika, xogħol fejn tirrenja l-immaġinazzjoni, li mbagħad titrażżan mill-artikli regolari dwar il-preċiżjoni tat-terminoloġija legali. Bħal dejjem, din il-ħarġa mhijiex nieqsa minn artikli li jittrattaw l-aspetti tekniċi, essenzjali wkoll għal xogħolna, bħall-ortografija, il-grammatika u s-sintassi.

Fl-aħħar, ma ninsewx lid-dinja usa' lil hinn minnha, u f'din il-ħarġa naraw l-artiklu ta' Paul Zahra dwar it-traduzzjonijiet letterarji għall-Malti, u anki intervista ma' Simon Bartolo, kollega traduttur li ħa xogħlu lil hinn mill-konfini tal-uffiċini fi Brussell u l-Lussemburgu.

Mark Vella f'isem il-Bord Editorjali

1

"L-aċċent" hija pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Dik ta' Awwissu 2015 hija ħarġa numru 13. Bħal dejjem il-kontenut hu varjat u siewi tassew. Alan Delia jikteb dwar "Il-lingwa miktuba u mitħaddta"; Mark Amaira dwar "Ix-xejriet tal-Malti III: il-forma tal-maskil fi lsienna"; Olvin Vella u Michael Spagnol iwieġbu xi mistoqsijiet dwar inċertezzi ta' natura ortografika; Louiselle Saunier-Borg, Colette Bugeja u Marie Chantelle Bonnici jittratttaw "Iż-żwieġ bejn il-lingwa u l-liġi"; u Reuben Seychell jikteb dwar "It-terminoloġija fl-UE: il-Kummissjoni Ewropea". Studji oħra huma: "Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 3 - L-Amerka t'Isfel" ta' Antoine Cassar; "It-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti lejn lingwi oħrajn: ħarsa ħafifa ta' apprezzament" ta' Paul Zahra; u "Giuseppe Cannolo: Il-ġenju eċċentriku traduttur u l-interpretu tal-iskjavi" ta' Ivan Said. Inkluża wkoll hija intervista mal-kittieb u traduttur Simon Bartolo, bl-isem ta' "Kważi, kważi, anzi ċert, Simon Bartolo traduttur".

Flimkien ma' "L-aċċent" joħroġ ukoll is-Suppliment Terminoloġiku, "Terminoloġija". Din id-darba s-suppliment jismu "Terminoloġija dwar it-tossikoloġija - biex inlaħħqu mar-reach". Ingħatat ukoll mappa fiżika bil-kulur tal-Amerka t'Isfel.

# Doreen Micallef

Patrick Sammut

Doreen Micallef Chritien twieldet il-Furjana fl-1949. Fost is-suġġetti li studjat f'livell avvanzat hemm il-Malti, il-filosofija klassika u kontemporanja u l-istorja tal-letteratura. Kienet waħda minn dawk li ħadu sehem fil-proċess ta' tiġdid fil-kamp letterarju u intellettwali Malti fis-snin sittin. Kitbet poeżiji, drammi u proża u hija attiva fil-qasam tar-riċerka psikika. Fost il-ġabriet poetiċi li ppubblikat insibu *Fit-triq ta' l-Empirew* (1975), *De Profundis* (1979) u *Kyrie* (1980). Ta' min jgħid li fost ruxxmata poeżiji ta' poeti rġiel li l-istudenti tal-Malti f'livell avvanzat iridu jippreparaw, Doreen Micallef Chritien hija fost il-ftit poeti nisa fil-programm.

Fl-antoloġija *Il-poeżija Maltija*, Micallef Chritien għandha tmien poeżiji li jvarjaw fit-tul minn ftit strofi sa sitt paġni. L-ewwel poeżija, li hija wkoll eleġija, għandha ċerta regolarità fil-forma (żewġ strofi ta' erba' u tliet strofi ta' ħames versi l-waħda, fil-maġġoranza tagħhom settenarji), filwaqt li aktar kemm inkomplu naqraw, aktar jintuża l-vers ħieles, biex wara nidħlu fil-qasam tal-vers projettiv. Hawnhekk il-poetessa tippreferi tinqata' minn kull irbit ta' metrika jew punteġġjatura biex tippreżentalna bl-aktar mod ċar u mhux mittiefes in-nixxiegħa ta' ħsibijiet tagħha li jnixxu wieħed wara l-ieħor bla ebda waqfa.

*Qed naqta' ħafna fjuri minn qalbi* hija eleġija illi kitbet sena wara l-mewt ta' missierha ("dar-raġel dejjem sieket/ f'dil-ewwel sena siekta"). Ir-ripetizzjoni insistenti ta' "dar-raġel" fil-bidu ta' kull strofa żgur tirrifletti r-rabta qawwija li għad teżisti bejn il-missier u l-bint, minkejja l-firda li ġabet magħha l-mewt. Micallef Chritien stess tikteb illi:

"dar-raġel dejjem sieket  
għadu miexi miegħi  
fil-vjaġġ inutli tiegħi  
bil-lampa dejjem tixgħel  
minn għajnejh mitfijin".

L-għajnejn huma fattur importanti ħafna fil-poeżiji ta' Micallef Chritien. Hekk f'*Irrid inkun waħdi biex nibki* l-kelma "għajnejn" jew simili tissemma seba' darbiet, filwaqt li f'*Għajnejk* tintuża għal tnejn u għoxrin darba, it-titlu inkluż. L-għajnejn huma "l-fanali tal-ġenna" illi f'waqtiet ta' kriżi bħal donnhom jitbaxxew. Il-motiv tal-għajnejn jintrabat ukoll mat-tema tal-komunikazzjoni: il-qarrej ma jafx jekk fil-poeżiji tagħha l-poetessa hijiex tindirizza lil missierha, lil Kristu jew lil xi qassis - "darba/ għedtlu lil Kristu: agħlaqli għajnejja qabel jintfew/ il-fanali tal-ġenna. . ./ bid-dmugħ t'alla fit-triq tal-ħelsien/ nara wiċċek qaddis. . .". Hekk fil-poeżija ispirata minn kanzunetta famuż tal-Beatles, *Eleanor Rigby*, tikteb:

"m'hemm ħadd ħlief il-qassis jifhimha  
it-tifla tat-triq li  
trid tisimgħu  
u għada tmut u ħadd ma jagħti kas  
u xi ħadd jagħmlilha kuruna  
imma jifdal biss il-qassis li  
jaf x'ħoss għajjien bla leħen kultant  
jisma' fil-kripta ta' qalbu sigriet  
. . .u ma jista' jagħmel xejn".

Min jaqra l-poeżiji ta' Doreen Micallef għall-ewwel darba mhux ser isibha faċli. Dan għaliex hemm nuqqas komplet ta' punteġġjatura u għalhekk sentenza tissawwab ġol-oħra, xbieha tidħol f'ta' warajha, bla kważi ma tinduna. Dak li qed iseħħ fil-poetessa mhu xejn ħlief ħsieb wara l-ieħor, vjaġġ ġewwieni ta' tiftix u għarfien li għandu jwassal għas-serħan. U din il-kumplessità narawha sewwa f'*De Profundis* li ttul sitt paġni sħaħ, u tieħu l-forma ta' sentenza waħda maqsuma f'għadd ta' mistoqsijiet, kitba kontinwa li ħierġa direttament minn ruħ il-poetessa f'waqt intens ta' delirju, ta' telfien u ta' ħtija. Micallef hawn tinqafel ġo kamritha, ġo fiha nnifisha, iżda fl-istess ħin tinqata' mill-irbit u mix-xkiel ta' dak kollu li hu fiżiku biex ma tibqax individwu iżda ssir "aħna" ("nitolbok bħall-bojod u l-ħomor u s-suwed u s-sofor ta' l-art li jħarsu lejk minn tarf sa tarf ta' l-art") u tivvjaġġja lilhinn u żżur saħħansitra kulturi differenti. U hawn jixirfu kulturi differenti: dik orjentali (il-mantra, il-jin u l-jann, l-atmam, il-krixna, budda, nirvana); dik oċċidentali (ċellini, wagner, goethe, holbein); dik klassika u mitoloġika (knossos, delfi, ulissi, apollo); dik eġizzjana u indjana (osiris, piramida ta' keobs, farawni, udumbara); u dik ebrajka-nisranija (alla, "xmara lhudija, "wieħed li suppost irranġa kollox", kristu, david, salamun, il-mara ħatja, maġi ta' lvant). Nammetti illi l-qarrej tal-poeżiji ta' Micallef Chritien jeħtieġ ikollu fil-qrib enċiklopedija biex jifhem sewwa jew għallinqas joqrob lejn dak li trid tgħid il-poetessa.

Fi *Profetika* Micallef tfittex il-komunikazzjoni waqt li

# Doreen Micallef kont...

tibki waħedha għax “qed inbati bħal għanja taċ-ċinju ftit qabel imut”. Hija tbatija li tixref anki minħabba l-qagħda tal-pajjiż?: “jaħasra din/ x’ħasra li m’hemmx min iqis u/ jerġa’ jkellel kollox bil-għaqal”. Hija tbatija li ġejja mill-fatt li “pajjiżi ma għarafnix”? Il-poetessa hi muġugħa għax tikteb dwar “poplu tal-blat” li ma semax “il-biki ta’ bintek” u għalhekk tixtieq tmut “waħdi fl-għerien bħall-ewwel insara”. Hija storja li bħal ċirku (“fiċ-ċirku biċ-ċirku taċ-ċirku li/ jilqgħek lura ġo fih kif kien/ għalik mill-bidu”) tirrepeti ruħha. Dan id-destin ta’ tnessija donnha taċċettah tant li l-poetessa-Kristu toffri lilha nnifisha bħala sagrifiċċju (“irrid nagħti l-aħħar qatra ta’ demmi/ l-aħħar għaraq tal-mewt mal-pinna tiżżellaq/ bl-aħħar ilma/ minn moħħi magħsur”) għal dawk li se tħalli warajha, anki jekk ma jibkuhiex. Huwa wkoll uġigħ li jnissel fil-poetessa ċerta rabja għax tammetti illi l-bniedem tal-lum (“rġiel taċ-ċellulojde”) huwa dgħajjef spiritwalment:

“tistenniex mirakli mingħandna  
li m’aħniex  
għajr l-ispettri żlugati  
tan-nisa w l-irġiel li darba  
sawwart int  
fil-moħħ kożmiku tiegħek!”  
**(De Profundis)**

It-teknika favurita ta’ Micallef Chritien tidher ċara f’*Għajnejk* li tinbena fuq numru ta’ konġunzjonijiet (“sa”, “jew”, “u”) u ripetizzjonijiet li jagħtu lill-kitba l-forma ta’ katina magħmula minn ħoloq, waħda marbuta mal-oħra: “l-miraklu tax-xemx b’miraklu dix-xemx”; “sa qalbek nikollok ma’ qalbek”; “ja raġel li titla’ mill-baħar għalija bħall-baħar bil-qilla tal-baħar”; “agħtini idejk ħa ngħoddsu agħtini idejk”; “mat-tafal bħat-tafal insiru tat-tafal”.

It-titlu stess ta’ *Dak il-bieb li qed tagħlaqli f’wiċċi. . .* juri l-istat ta’ dak li jħossu mbarri minn ħaddieħor, stat ta’ min ġo fih iħoss “tempesta li jqajmu l-iħirsa [forsi tifkiriet?] ġo qalbi”, ta’ min għaddej minn “qilla ta’ żmien negattiv”, stat li joħloq tbatija bla “bidu jew tmiem”. Huwa stat li jġiegħel lill-poetessa tħoss lil “alla jmut ġo fija” minkejja li paradossalment hija tafu “ħafna u dejjaqtu wisq iżjed minn hekk kull meta qalibhieli”. Micallef tħossha ttraduta minħabba dan l-aġir inġust, minkejja li lil “alla” fittxitu “bħal tolstoi u dante bħall-erwieħ imtertrin fil-bard ta’ dak il-bieb li qed jissabbat f’wiċċhom”. Fl-aħħar mill-aħħar Micallef qed tfittex li ssib “it-triq tal-verità”, u li titbiegħed jew toħroġ mill-istat preżenti ta’ mewt u kesħa:

“. . .ixgħelli  
dil-kelma tas-sikta ġol-  
vini qajjimli nar minflok  
qed immut. . .  
alla kien preżenti u ma bekiex għall-biki tiegħi u  
ma batiex għall-uġigħ tiegħi fid-dar tal-mejtin nifs  
ġdid ma nefaħx u telaqni  
ngiddem il-għadam ta’ skeletri minquxa”.

Dawk ta’ Doreen Micallef Chritien m’humiex poeżiji li se jinftehmu malajr, iżda dan il-fatt għandu jistieden lill-qarrej jaqrahom aktar minn darba sabiex fl-aħħar mill-aħħar jasal biex jikseb iċ-ċavetta għall-bieb tal-ambigwitajiet li jinsabu matul il-kitba kollha tagħha.

**(Dan l-istudju deher fil-ktieb *Tieqa Fuq Kittieba Maltin* ta’ Patrick Sammut, De La Salle Brothers Publications, 2004 u 2012)**




**B’OMAĠĠ LIL DOREEN MICALLEF MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Intant l-Akkademja tal-Malti, li s-sede tagħha hu “Dar Doreen Micallef” fil-qalba tal-Belt, tat ġieħ lil din il-poeta kumplessa bil-ħarġa ta’ żewġ kotba dedikati għaliha. L-ewwel ktieb jikkonsisti minn għadd kbir ta’ poeżiji mir-repertorju sostanzjali tal-poeta, fosthom uħud li qed jidhru għall-ewwel darba. It-tieni ktieb jiġbor it-testi kollha li kienu nqraw minn diversi kritiċi u akkademiċi waqt konferenza dwarha fl-għaxar sena minn mewtha.

# Antonio Vanni
poeta taljan



Il-poeta Taljan Antonio Vanni twieled u joqgħod f'Isernia (Molise) fl-1965. Huwa awtur ta' għadd ta' ġabriet ta' poeżiji, fosthom *La Nube* (1984), *Alcadi* (1986), *Viale dei persi* (1987), *L'albero senza rami e la luna* (1992), *Diario di una nuvola bassa* (1994), *L'Ariel* (1997), *Rosa Carsica* (1999), *Il porto vecchio delle farfalle* (2000), *Le artemie* (2004). Fl-2007 ħareġ il-ġabra ta' rakkonti *La passeggiata*, u fl-1995 ħarġet il-monografija dwaru bl-isem ta' *Dai gradini del tempo e del sogno - Introduzione alla poesia di Antonio Vanni* ta' Fulvio Castellani.

**LA CORRENTE TRASPARENTE**

Ecco, la corrente trasparente,
anche questa volta porta via dagli ormeggi
la campagna. Le contadine, clavicembali perduti
tra le spighe dorate,
alla morte della bellezza ne hanno raccolti di fasci.
Qualche ombra assapora dal seno una fiamma di
[latte.
C'è calura, dopo il bagno cambio la mia percezione
delle foglie cadute sul mondo
in astenia, placide ossa prive di me stesso
col solo paracadute di un sorriso.
La terra che guarda il cielo seppellisce il mio corpo
e il mio amore
senza nasconderlo sotto il suo peso, tutto è capovolto,
ch'io ora sento leggera a venire, quasi profunmata,
la tua assenza.
Gli allievi del vento,
ecco la corrente trasparente.

**RIFLESSO**

Immagina un messaggero d'amore
fissare Lugano da un deltaplano di frontiera.
Addormentatosi sulle acque del lago
il vento lo protegge, la vela dei giardini Ciani
lo ricopre.
Immagina un messaggero d'amore senza più fastidi
Aggrapparsi con gli artigli, e ferire, occhi diversi nella nebbia.
Il vento nutre il mio amore disperato.
Ora di ricreazione. Il gioco vichingo
disperde la cenere nell'ambrosia della tranquillità.
Un dispetto di spade abbatte una prima fila
di angeli. La maestra sorride
raccogliendo i feriti da una morte leggera.
Barchette di cuore a gara sulla mia pelle,
possibile alla fuga ecco un colore.
La linea rossa del tramonto accarezza i tuoi capelli.
Il banco di scuola riflesso nel lago
ama toccare il tuo corpo seduto sull'acqua.

**ORFEO**

Il confine dell'inferno è un canto carsico.
Magari potessi io arrecarti sollievo
mentre il vento ti ama
e cerchi riparo appena tra le rose alte e mute.

Mi sopravvive solo un fiore di campo che ha poca
[seta.
Un bel cerchio disegni e nel mezzo canti, Orfeo,
che sei un commento alla primavera
appoggiato al tramonto del lago.
Giuro ti darò la mia morte con un velo di timore,
perché promette amore e amore non sono più.
Fa che io sia sciolta nel vento, il vento di Euridice,
ed entrerò nei tuoi confini,
le tue labbra immemori un paesaggio,
e sarà la fine del mondo.

# kotba mill-qrib







***IL-MALTI GĦALL-BARRANI: IL-MALTI MEDIKU***

Riċentement Charles Daniel Saliba għadu kemm nieda żewġ kotba ġodda u CD li jkomplu mas-sensiela ta' kotba Malti/Ingliż, bl-isem *Maltese for Foreigners*. Iż-żewġ kotba *Medical Words & Phrases in Maltese* u *Speaking Medical Maltese 1* huma intenzjonati għal dawk li jixtiequ jitgħallmu l-Malti mediku.

*Medical Words & Phrases in Maltese* għandu l-għan li jgħallem kliem u espressjonijiet mediċi u xjentifiċi . Il-ktieb hu stampat bil-kulur u fih eżerċizzji u attivitajiet li jgħallmu l-vokabolarju u frażijiet Maltin b'mod ċikliku, filwaqt li jgħin lill-istudent jiżviluppa aktar il-ħiliet tas-smigħ, tal-fehim, tal-kitba u tal-qari. Mill-banda l-oħra *Speaking Medical Maltese 1* fih 24 djalogu realistiku, bi traduzzjoni tagħhom għall-Ingliż, biex jgħinu lill-istudenti jipprattikaw il-Malti mediku mitkellem. Wara kull djalogu hemm kaxxa bl-espressjonijiet importanti u bit-traduzzjoni tagħhom. Barra minn hekk Saliba aġġorna wkoll is-CD bl-awdjo taż-żewġ kotba biex l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu kelliema nattivi jaqraw it-testi jew janimaw id-djalogi.

Iż-żewġ kotba huma ideali għall-istudenti u l-professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-mediċina, li jridu jużaw il-Malti fuq ix-xogħol, jew waqt l-istudju, biex jikkomunikaw mal-pazjenti jew mal-kollegi. Hu utli wkoll għal dawk il-barranin li joqogħdu Malta u li jixtiequ jitgħallmu termini mediċi u espressjonijiet oħra marbuta mal-ambjent ta' sptar.

**www.charlesdanielsaliba.com**

***MILL-MOSTA 'L BARRA - ANTOLOĠIJA TA' KITBIET FL-OKKAŻJONI TAL-40 ANNIVERSARJU MILL-FTUĦ TAL-KAŻIN "INDIPENDENZA" FIL-MOSTA 1975-2015***

Ktieb bħal dan ftit tara bħalu ladarba huwa proġett li jorbot flimkien politika (fis-sens wiesa'), riċerka u letteratura. L-edituri - George Cassar, Frans Deguara, Lawrence Gatt, Joseph Fenech u Ansel Briffa - għamlu biċċa xogħol tajba ferm.

Ktieb bħal dan għandu Daħla mill-Perit Lawrence Gatt, l-ewwel President tal-Każin "Indipendenza", Messaġġi u Ħsibijiet minn personalitajiet varji marbutin mal-Partit Nazzjonalista.

Il-ktieb jinkludi żewġ taqsimiet bl-isem ta' "Il-ħidma politika u dak li ġġib magħha" u "Il-ħajja fil-Mosta u lil hinn minnha". Fost dawn hemm bosta kitbiet ta' riċerka f'rabta ma' oqsma differenti tal-ħajja fosthom il-politika, is-soċjetà u l-istorja, u dawn miktubin minn personalitajiet li ma jintrabtux biss mal-Partit Nazzjonalista. Dan hu fattur pożittiv tassew.

Interessanti ferm hija wkoll l-aħħar taqsima bl-isem ta' "Ħsus letterarji u kitbiet relatati", b'kitbiet ta' personaġġi magħrufa bħal Ġorġ Peresso, Charles B. Spiteri, Emmanuel Schembri, Lawrence Gatt, Charles Flores, Paul P. Borg, Henry Holland, Lawrence Mizzi, Joe Saliba, Noel Fabri, John A Sant, u bosta oħrajn.

L-aħħar paġni jagħtuna tagħrif dwar il-kontributuri, 31 b'kollox. Din l-inizzjattiva hi Pubblikazzjoni tal-Kumitat Sezzjonali PN Mosta, 2015.

# kotba mill-qrib




**_FL-GĦABEX - ĠABRA TA' POEŻIJI 1996-2006_ ta' Alfred Massa, Dom Communications Ltd., 2015.**

*Fl-Għabex* hija t-tielet ġabra ta' poeżiji li Alfred Massa, illum President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin, qed joħroġ wara *Fjuri tal-Ġebel* (1994) u *Diwi fil-Maqdes* (2000). Hekk issa, kif isostni l-poeta stess fid-Daħla, fit-tliet ġabriet wieħed jista' jaqra għażla mdaqqsa ta' poeżiji miktubin minn Alfred Massa bejn is-sena 1976 u l-2006, mela firxa ta' tletin sena.

Bħal fiż-żewġ ġabriet ta' qabel, anki hawn il-poeżiji ta' Massa huma mogħtijin data bħala titlu, proprju għax Massa jinsisti fuq il-waqt meta huwa jikteb il-versi tiegħu. Dwar dan Oliver Friggieri jikteb hekk: "Il-proposta bħala djarjista terġa' tfakkar li n-nisel u l-ġustifikazzjoni tal-att poetiku jinsabu fir-rabta intrinsika bejn l-għajxien u l-kitba."

*Fl-Għabex* jinkludi 85 poeżija li jittrattaw temi diversi bħall-imħabba, il-problemi soċjali, l-aħbarijiet kurrenti, it-twemmin, l-istennija tal-waqt tat-tmiem, u l-bqija. Dan kollu mwassal b'lingwaġġ sempliċi u li ma jgħajjikx. Prosodikament Massa jippreferi l-vers ħieles, imma ma jonqsux poeżiji miktubin fl-istil tradizzjonali fejn Massa jħadem forom regolari bħas-sunett Ingliż, il-kwartina bir-rima mqabbża, u l-versi endekasillabiċi maħlulin.

Interessanti huma wkoll il-kummenti kritiċi dwar il-poeżija ta' Alfred Massa, miktubin minn kittieba u kritiċi differenti u li dehru f'ġurnali lokali diversi matul is-snin.




**_I GIOVANNITI - LA STORIA DEI CAVALIERI DI MALTA_, ta' Frans Sammut, Bonfirraro Editore, 2015.**

Minkejja li  Frans Sammut, kittieb u riċerkatur tas-sengħa, ilu nieqes mis-sena 2011, kitbietu għadhom ħajjin kemm permezz tal-kotba li huwa ppubblika matul ħajtu, kif ukoll permezz tax-xogħlijiet tiegħu ppubblikati postumi, bis-saħħa tal-interess li juri l-familjari tiegħu fil-kitbiet li ħalla warajh. Wara *Ġrajjiet it-tagħlim  f'Malta Vol. 1* li ħareġ fl-2014, issa qed naraw għad-dawl din il-pubblikazzjoni afdata lil dar tal-publikazzjoni Taljana li tittratta l-istorja tal-Ordni ta' San Ġwann bl-ilsien Taljan.

Il-ktieb għandu Introduzione li Frans Sammut kiteb fl-24 ta' Ġunju ta-2006.  Hu ktieb maqsum f'disa' kapitli ewlenin fejn Frans Sammut jittratta l-oriġni tal-Ordni ta' San Ġwann, l-ewwel spedizzjoni militari Kristjana, l-Ordni fl-Art Imqaddsa u f'Ċipru, l-Ordni li jieħu taħt idejh il-Gżejjer Maltin, il-preparazzjonijiet għall-gwerra kontra t-Torok, l-Assedju l-Kbir, żmien ir-rikostruzzjoni u l-attivitajiet tal-baħar, l-aħħar jiem tal-Ordni f'Malta, u epilogu ddedikat lis-snin tal-eżilju u l-organizzazzjoni attwali tal-Ordni.

Il-ktieb hu megħjun minn annotamenti u biblijografija dettaljati, ritratti marbutin mal-epoka ttrattata, indiċi tal-ismijiet, u anki studju qasir  bl-isem ta' "Gli altri Giovanniti, i non cattolici", miktub minn iben Frans Sammut, Dr. Mark Sammut.

**KIENU JGĦIDULNA…..**

……… li Stepinac u Mindzenty u Sakarov u Pasternak
kienu ribellli u anarkisti .
Kienu jgħidulna li l-ħaddiema bnew il-ġenna tal-art fir-Russja...
Kienu jgħidulna li dak li ġara fl-Ungerija , fil-Polonja u fiċ-Ċekoslovakkia
kien kollu propaganda Amerikana

Rajna l-Isputnik idur fl-ispazju u …
il-martell u l-minġel tbiddlu fi stilla
li dawlet id-dinja .
bqajna b'ħalqna miftuħ u
b'moħħna magħluq bil-propaganda.
fl-ewwel ta' Mejju rajna l-armati enormi
jimmarċjaw qishom robots
b' rockets daqs kampnari immirati lejn id-dinja ħielsa.
Smajna it-tankijiet iramblu mat-toroq tal-Kremlin
u fuq it-tribuna bl-uċuħ imqarrsin jew b'nofs tbissima suspettuża
rajna l-uċuħ ta' Stalin, Kruschev u Breshnev
b'sidirhom kurazza,
mtaqqla b'wiżna medajli li kienu jqassmu lil xulxin.

Il-ħajt kiefer ta' Berlin qasam l-belt u feraq l-imperu.
Fired ħbieb u familji.
Mix-xquq bdejna naraw id-dlam
u l-faqar tal-ġenna Komunista.
Feġġ ukoll Silone, li ħareġ mix-xibka .

Injorajna lil Solżenitzhin għax m'għoġobx lill-Akkademici tal-Punent:
qalilna x'għamlu il-K.G.B u l-Istażi ta' Ulbricht
biex iżommu sod il-pedestal tat-tirannija.
Il-'Guardian' u l-Akkademiċi u l-artisit ħadu qatgħa u tħawdu.
Inkixfu l-ispiji Philby u Burgess li għal ftit biċċiet tal-fidda
biegħu lilhom infushom u lil pajjiżhom .
Togliatti ma baqax jieħu t-turisti jaraw l-Ġenna fir-Russja .

Waqa' l-ħajt u tfarrak l-Imperu.
Bħal laqx li jibqa' wara terremot,
Baqa' ħafna li għadhom idawru u jaqilbu dak li ġara.
Iridu jinsew il-miljuni li inqatlu u li mietu:
Iridu jinsew lil-Denisovitch:
l-għajjat u krib tagħhom għadu jinstema fid-dinja ħielsa……
mhux għax batew u sofrew biss…
L-iżjed għall-bluha tagħna tad-dinja ħielsa
li għożżejna u emminna …
il-propaganda ……
l-ikbar gidba tal-aħħar seklu..

**VICTOR V. VELLA**
***L-Awstralja***

(Meta l-għadam ta' saċerdot Ċekoslovakk qalgħuh mill-qabar u reġgħu difnuh fil-knisja tal-parroċċa tiegħu f'Ġunju ta' din is-sena, mal-għadam ġew il-memorji xejn sbieħ tat-tbatija li batew ħafna nies taħt il-ħakma Komunista. Eluf ta' Insara ġew maqtula matul is-seklu għoxrin. F'din il-poeżija Victor V. Vella jiftakar fin-nies prominenti Insara u m'humiex li batew taħt il-Komuniżmu.)

**EPITAFFIO**

Vieni,
avvicinatevi,
non vorrei che ti rabbrividi il pensiero,
che presto sarai qui,
con me....
Come me.

Vieni,
qui non sarai solo,
ci son io che t'accompagnerà,
ma non soli,
non soli due,
staremo in tre,
con Lui che tanto ci ama.....

**JOHN CONSIGLIO**

**VALURI**

Mitbiela jmutu l-fjuri
u bħalhom il-valuri…

U jerġgħu f'rebbiegħ'oħra
mill-ġdid jitwieldu l-fjuri.

'Mma liema rebbiegħ'oħra
se ġġedded il-valuri…?

**CARMEL G. CAUCHI**
**(Minn *in-nar fl-ispirtu tiegħi—Poeżiji 2008-2014*, 2015)**

**SENTINELLI***

Ixirfu mill-fosdqa ħbieb tiegħi;
bil-kisja ta' ġwief tinsatrux.
Il-għamad mhux tagħkom tgħallita.
Oħorġu għall-brieħ, la tistħux.

Il-kelma tant ħelwa Maltija
sa ż-żonqor din tfarrak u tħoll.
Tinsewx 'l Anastasju f'ħeġġitu.
Nitbiegħdu mill-qerq tal-imbroll.

Is-siegħa hi magħna; din waqtha!
Nixirfu minn wara l-bibien.
Mill-midlam, mill-biża' nitneżżgħu;
le nxeddu l-kundanna taż-żmien.

Oħorġu, oħorġu għall-beraħ;
ixirfu mill-għata tal-gwaj.
Tinsewx, hemm il-Kelma Maltija,
li tagħżel il-mejjet mill-ħaj.

O fejnkom ja ħbiebi, għeżieżi!
Imniex, jekk hu hekk, beżagħnin?
Inqumu min-nagħsa lajmija;
ishru magħna b'kuraġġ; quddimin!

La tindehxu mill-ittri w mit-titli;
qisu biss qofol għerf il-Maltin,
kelmet niesna tal-bikri, din siesna;
mhux l-agħjat u x-xinxilli ġwejfin.

Fuq sidirna t-tinqixa ta' ġieħna;
ġewwa moħħna, il-fehma tas-sew;
minn ġo qlubna, nirien il-ħuġġieġa;
fuq ilsienna m'hemmx għanjet in-new.

Vuċi waħda biss mgħammda Maltija,
qalbenija fil-feh'm ta' kelmitna.
Jiena Malti 'ntom ħuti, ningħaqdu
f'lingwet niesna, din biss hi għelmitna!

**RIGU BOVINGDON**
**L-Awstralja**

* Dawk l-intellettwali u oħrajn li fis-satra tas-skiet seħtu l-aġir tal-Kunsill Nazzjonali tal-Lingwa Maltija u baqgħu ma qalu xejn fid-difiża ta' lsienhom Il-Malti!

**ADAGIO**

*Lil Anton Buttigieg*

hemm il-mużka għariba tal-lejl w
il-kori divini tal-ibħra f'sidirna ħoss
l-ilħna salmastri
tal-lampa li tixgħel b'ruħ
alla u l-għerf tal-kabbalisti ħsebijiet
madreperla u s-sema
ħanina kobalt tiddendel f'labirint l-awrora
ta' qalbek kull meta ħolom
alla kull meta raqad fond u
n-ngħas etern tal-ilma żernaqlu
orizzont u xemx
m'nn għajnejn il-bniedem

**DOREEN MICALLEF**
**(Minn *Doreen Micallef - Il-Poeżiji*, Ed. Victor Fenech, Pubblikazzjoni L-Akkademja tal-Malti-KKM, 2015)**

**RITRATT**

Kexkxuni r-ritratti tat-tifel mejjet
u xtaqt li nista' ngħinu, miegħi ngħannaq
dak il-ġisem mitluq bla ħajja fuq ir-ramel,
għax qalbi ngħafset għal ritratt ta' tifel mgħarraq

U għidt lil sħabi biex ma jqassmux dak ir-ritratt
makabru
Għax ma niflaħx nara xeni ta' qsim il-qalb
Nibki x'ħin nara t-tifel mejjet
u nżommu f'moħħi waqt ħin it-talb

Jaħasra tifel ċkejken kif miet mgħarraq
ħajtu nħliet, m'ommu naqsam id-dulur
Għal ħajj'aħjar nibtet it-tama,
xaqq ta' tama għall-futur!

U waqt li nara t-tifel mejjet nibki,
jitla' fuq *facebook* ritratt differenti,
ta' immigranti salpati ħajjin f'Malta,
u taħtu, naqra bosta lmenti

U ma nifhimx kif nibki 'l wieħed mejjet
u ma nifraħx li bosta ġew salvati
u nixtieq li ħallewhom kollha
jiġu għall-mewt ikkundannati!

**KEVIN TANTI**

**X'INHU...?**

X'inhu li kull fl-għaxija
fi nżul ix-xemx sajfija
iġagħalni nħoss 'il qalbi
bin-niket imgħobbija
u mqar ġo nofs il-kotra
jaqtagħni waħdi, għalija?
U x'jerġa' kull filgħodu
il-ferħ iġib ġo fija,
bħal kieku qatt ma kienet
qalbi fil-hemm merħija?

**JOSEPH C. SCIBERRAS**
**(1934-2015)**

**LIL "KTIEB IL-WIĊĊ" SIVE "FACEBOOK"**

X'waħda din, kif dħalt fis-sikta
bdilt ħajjitna mingħajr ħoss
dik il-ġabra telliftilna
li gawdejna qalb l-irdoss.

Dħalt f'ħajjitna w'mhux ser toħroġ
'ktieb il-wiċċ' ser insejjaħlek
imma lesti għal kull krit'ka
għaliex żgur m'inix se nfaħħrek!

Kxift il-bluha minn ta' ġensna
ta' dan-poplu ħkimt il-qalb
u qed tisraq il-ħin siewi
li fl-antik għaddewh fit-talb.

Sa fil-kamra ta' fuq ġewwa
dħalt u sirt sultan qalil
ftit biss huma li waqfulek
u li miegħek m'għamlux qbil.

X'għajb, x'mistħija, x'għarukaża
sirt il-perċa tal-bnedmin
fuqek jikxfu sal-ġewwieni
xejn ma fadal 'private' xbin!

Jekk se jieklu jew jixorbu
ar'hom juru kull ritratt
sew k'jogħxew waqt ikla bnina
sew jekk jieħdu xi disfatt!

Jekk imbagħad xhur is-sajf jaslu
xahrek ħoll u ġib iż-żejt
kull ritratt tal-ġisem għeri
u jekk jistgħu, dawra mejt!

Jekk jgħaddu minn xi eżami
arhom żgħar, żgħażagħ u kbar
juru r-riżultat lid-dinja
mar mar-riħ kull sapportar!

Jekk partita futbol rebħu
imsejkna it-tellefin
għax vieġ kliem u tagħjir qawwi
jekk mhux dagħa, jinżel fil-ħin!

Jekk ix-xbejba żżanżan libsa
hemm taraha ma' wiċċ l-iskrin
tal-kompjuter, tikkonkludi
x'sejra tilbes dak il-ħin!

Jekk imbagħad sejrin fuq safra
l-imsejknin wild il-bnedmin
tista' mqar tippjana serqa
mank ftit melħ f'moħħ l-imsejknin!

Jekk flgħaxija qabel norqod
jgħarrex ftit il-gost, l-aptit
ngħidlek kull ma nixtieq ngħidlek
tistenniex xi kliem pulit!

X'naqbad ngħid biex nikkonkludi
kliem preċiż ma jiġinix
'mma k'tara l-'facebook' tiegħi
ara tgħid li ma tafnix!

**GEOFFREY G. ATTARD**

**ĦAJKU**

Il-fqir jifraħ bil-ftit,
l-għani, li għandu ħafna,
qajla jaf xi jrid.

Pjan terrorista,
eqred bla ebda ħniena,
nies innoċenti.

**CHARLES MIFSUD**

**SINIORA: MY NEW FRIEND IN GAZA**

Your  shy smile under your veil
And luminous dark eyes in the theatre
Of life, of strife, caught my eye
In the Ability Center in Khan Yunis, in Gaza.
I invited you to take a picture with us
And you charmingly accepted.
I gave you my peace poetry book in Arabic translation,
You read and said: "You love Peace as much as me!"
And you gave me your address, for more of my books.
You pointed out from the window
To the impressive new buildings in Gaza,
And we became new friends.
With women it is as easy as that.

You asked me about my children,
I asked you about your family, your plans,
You showed me your artwork, your workshop,
I showed you my inner writing, my pictures, my peace dreams.
You showed me your impressive museum
With gorgeous embroidered Palestinian dresses,
You gently asked: "Which one do you like best?"
I pointed to the dark blue with red embroidery,
Like the one I used to wear in Egypt, a long time ago,
And in my poetry presentations.
"I'll embroider it for you, and send it to you to Haifa,"
You promptly,  softly said.
I was so moved, and hugged you dear Siniora,
My new friend in Gaza.
When our blue bus drove away,
We both had tears in our eyes,
My wonderful new friend in Gaza -
With women it is as natural, as easy as that.

Men! Learn from women for a change,
Let women help you make peace, make friends,
With women it is as natural, as easy as that.

**ADA AHARONI**
***L-Iżrael***

**BATMAN**

He was our great illusion
of childhood that lasted
until we had the feeling that
the bat's wings which
protected the man, fell down.
If the others abandoned us
in trouble, we could count on
Batman coming, and in
our imagination,
triumph was right
at the corner.
Now his image is gone,
and also this crazy idea
that all injustice can be
changed into justice.
Batman's wings
were fake and returned
to the poor animal
hidden in the attic.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**ANSIE**

Proteso verso un futuro
che non si è mai realizzato
perché non esisteva
non era stato pensato

Ora che ci sei
non sei più sicuro
ogni mossa che fai
ti porta verso il muro

per affrontarlo c'è bisogno
di un salto finale,
dalla terra dei sogni

verso il mondo reale
che tu vuoi conoscere
ma in cui non vuoi stare

**ALESSIO STRETTI**
***L-Italja***

**HOW QUICKLY ENDS THE SUMMER**

How quickly ends the summer,
Cold comes again,
There is no more of bright light,
All dense fogs and rains...
New white snow will come,
And day by day we will be sad,
In the endless and tedious race,
Forget about the warmth...

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
**(Mill-ktieb *Memory of Heart*, 2015)**
***Ir-Russja***

# minn fuq l-ixkaffa




***IN-NAR FL-ISPIRTU TIEGĦI—POEŻIJI 2008-2014* ta' Carmel G. Cauchi, 2015.**

Inħoss li dan hu titlu xieraq għal din il-ġabra ġdida ta' poeżiji ta' dan il-bniedem li ħajtu għaddieha fi ħdan is-Soċjetà tal-Mużew. Din il-ġabra għandha daħla kritika minn Oliver Friggieri bl-isem ta' "Il-lirika ta' Carmel G. Cauchi bejn ir-rakkont u t-talba". Il-ktieb jinqasam fi tliet partijiet ta' tul differenti. L-ewwel taqsima jisimha "Titwiliet 'il ġewwa fija"; it-tieni, "Ħarsiet 'il barra minni"; u t-tielet, "Kollokji mad-Divin". B'kollox jiġbor fih 107 poeżiji fil-maġġoranza tagħhom qosra, daqslikieku kienu talba jew salm, u dan fi ftit iktar minn 120 paġna. Fin-nota kritika tiegħu Oliver Friggieri jikteb hekk: "Carmel G. Cauchi hu wieħed mill-aħjar poeti tal-ġenerazzjoni tiegħu li, f'kuntrast mal-poetika tal-kakofonija u tal-prożaċizzazzjoni, jisfruttaw l-effetti udittivi kollha li għandha l-kelma skont it-tradizzjoni. Il-vers ritmiku regolari, ir-rima ... L-alliterazzjoni, l-istrofa regolari: dawn u forom oħra tal-verbalità letterarja huma mħaddmin b'ħila u bi skop minn waqt għal ieħor." Il-poeżiji ta' Carmel G. Cauchi jinqraw fis-skiet biex jiftħu spazji bla limiti ta' riflessjoni u anki ta' hena ġewwiena.




***VALERIE U NOVELLI OĦRA* ta' Anthony Farrugia, 4Sight Communications, 2015.**

Isem Anthony Farrugia jintrabat kemm mal-poeżija - min jaf kemm-il darba smajtu jaqra versi minn tiegħu waqt lejliet ta' poeżija differenti - kif ukoll mar-rumanz. Huwa l-awtur ta' tliet rumanzi ppubblikati: *L-Imħabba li ma Tmutx*; *Fjuri tar-Riħ* u *Meta d-Dmugħ ma Jinxifx*. Din id-darba Farrugia qed jagħtina ġabra ta' 32 novella li jifirxu fuq 160 paġna. 12 minn dawn in-novelli jġibu ismijiet ta' persuni differenti, oħrajn għandhom titli li jintrabtu ma' varjetà ta' tiġrib uman: il-ħtija u l-penitenza, l-imħabba, l-ambizzjoni u s-suppervja, ix-xewqat, il-mewt, it-tifkira, u l-maħfra. Dawn huma kitbiet li żgur mhumiex se jdejqu lil dak li jixtri dan il-ktieb: huma novelli li jtulu ftit paġni, miktubin b'lingwa sempliċi u li ma tgħejjikx, b'bosta partijiet iddjalogati. Huma kollha rakkonti li jittrattaw sitwazzjonijiet u esperjenzi marbutin mal-ħajja preżenti tal-bniedem. Farrugia stess jikteb li n-novelli huma "msejsa fuq fatti intimi ta' nies tad-demm u l-laħam bħali, fittizji u m'humiex, b'waqtiet ta' sens ta' umoriżmu u f'oħrajn taħlita ta' elementi bħal imħabba, regħba, differenza bejn żmien u ieħor, li xi darba jew oħra iġarrab il-bniedem."




***BUSHFIRE SUMMER* ta' Lou Drofenik, 2013.**

Dan huwa s-sitt rumanz miktub bl-ilsien Ingliż ta' din il-kittieba ta' oriġini Karkariżi imma li ilha tgħix għal snin twal fl-Awstralja. Ir-rakkont din id-darba jtul 270 paġna u jinqasam f'ħames partijiet ewlenin. Hawn Drofenik tispira ruħha min-nirien kbar li fis-sajf tal-2009 kienu laqtu l-inħawi fejn tgħix hi fil-Victoria. Dan l-avveniment baqa' magħruf bħala l-"Black Saturday Busfires" anki għax ħalla warajh aktar minn mitt persuna mejta u bosta familji bla dar. Kif tikteb Drofenik stess dan hu rumanz li jirrakkonta storja ta' kuraġġ, telfa u l-għarfien li l-mirakli jistgħu jseħħu u jseħħu fil-fatt. Dan l-avveniment li seħħ fir-realtà Drofenik torbtu ma' stejjer żgħar mistħajlin, bħal dik ta' Lolly Winter li tixtri dar wara li titlef lil żewġha wara biss sitt xhur, jew dik ta' Fran Lupone li toqgħod fil-qrib u li sabet il-paċi f'rabta mal-passat vjolenti tagħha. Proprju matul dan is-sajf tiskopri sigriet li zitha kienet ħbitilha meta ġabitha fl-Awstralja mill-Italja. Hemm ukoll Garth Evans li jgħix iżolat ftit aktar 'il fuq, b'togħma morra minħabba tfulija mgħoddija f'orfanatrofju. Proprju fil-jum meta jseħħu n-nirien issir bidla kbira fil-ħajja ta' dawn il-persuni. Dan hu rumanz li jiċċelebra n-nies li tgħix fil-komunitajiet rurali, il-ġenerożità tal-ispirtu tagħhom, u l-atti ta' erojiżmu tagħhom meta jfaqqa' d-diżastru.